KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.6.2007
KUMM(2007) 325 finali

2007/0110 (ACC)
2007/0111 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

1. Fl-24 ta' Novembru 2003, il-Kummissjoni talbet għall-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex tinnegozja ma' l-Istati Uniti dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni fil-qasam tas-sikurezza u kompatibbiltà ambjentali ta' l-avjazzjoni ċivili.

2. Il-Kunsill ikkonċeda din l-awtorizzazzjoni fid-9 ta' Mejju 2004 u ta struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tagħmel dawn in-negozjati bi qbil ma' sett ta' direttivi ta' negozjar u ħatar kumitat speċjali biex jgħinha f'dan ix-xogħol.

3. L-awtorizzazzjoni li ngħatat lill-Kummissjoni pprevediet ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet, b'mod partikolari dwar żewġ aspetti:

   (a) prodotti li jkunu ġew iddisinjati, manifatturati, modifikati jew li ssewwew taħt il-kontroll regolatorju ta' kwalunkwe parti għandhom jinħarġulhom l-approvazzjonijiet meħtieġa mingħajr diffikultà sabiex jiġu rreġistrati jew jitħaddmu taħt il-kontroll regolatorju tal-parti l-oħra;

   (b) inġenji ta' l-ajru reġistrati jew imħaddma taħt il-kontroll regolatorju ta' kwalunkwe parti għandha ssirilhom il-manutenzjoni meħtieġa minn organizzazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kontroll regolatorju tal-parti l-oħra.

4. L-għanijiet ewlenin tad-direttivi ta' negozjar kienu li jħaffu l-kummerċ f'oġġetti u servizzi koperti minn dan il-ftehim, li kemm jista' jkun jillimitaw ir-ripetizzjoni ta' eżamijiet, testijiet u kontrolli għal meta jkun hemm differenzi regolatorji sinifikanti biss u li joqogħdu fuq is-sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' xulxin biex jiċċekkjaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-parti l-oħra.

5. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, id-direttivi ta' negozjar identifikaw dawn il-mezzi:

   (a) li r-rekwiżiti u l-proċessi regolatorji taż-żewġ partijiet jitqarrbu progressivament;

   (b) li titrawwem kunfidenza fis-sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' xulxin sabiex l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jwettqu x-xogħlijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 1592/2002 f'isem l-awtorità kompetenti ta' l-Istati Uniti, il-Federal Aviation Administration (FAA), fi żmien raġenevoli;

   (c) li jippermetti li kwalunkwe parti tkun moħħha mistrieħ li l-korpi tal-parti l-oħra li huma involuti fil-proċess regolatorju, huma kapaċi li jmexxu b'mod sodisfaċenti l-eżamijiet ta' konformità u superviżjonijiet regolatorji meħtieġa sabiex hi tkun tista' tagħti l-approvazzjoni tagħha.

   (d) li tittejjeb il-kooperazzjoni permezz ta' opportunitajiet ta' konsultazzjoni regolari bejn il-partijiet sabiex jiġi żgurat li l-ftehim jopera b'mod sodisfaċenti, partikolarment billi jiddaħlu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa li

jivverifikaw – fuq bażi reċiproka – il-kundizzjoni tajba u l-abbiltà tal-korpi regolatorji involuti fl-implimentazzjoni tal-ftehim;

(e) li tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ kontinwu tal-funzjonament tal-ftehim u b'mod partikolari tal-proċeduri ta' implimentazzjoni, li jagħmlu parti integrali minnha, u li jippermetti li l-ftehim jitmexxa b'mod effiċjenti minn kumitat konġunt magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ partijiet, li jkunu fdati li jsibu u jressqu soluzzjonijiet fi żmien xieraq għal kwalunkwe problema li tinqala' minħabba l-implimentazzjoni tal-ftehim.

2. IL-PROĊESS TAN-NEGOZJAR

6. In-negozjati ma' l-Istati Uniti ffokaw dwar kif tista' tintlaħaq aċċettazzjoni reċiproka ta' l-approvazzjonijiet li jiċċertifikaw li inġenji ta' l-ajru, komponenti u tagħmir imwaħħal fuqhom huma tajbin għall-ajru, kif ukoll l-approvazzjonijiet li jiċċertifikaw l-organizzazzjonijiet involuti fid-disinn, produzzjoni u manutenzjoni tagħhom. Dawn l-approvazzjonijiet jistgħu jinħarġu minn kwalunkwe parti, bl-applikazzjoni ta' ċerti proċeduri dwar l-*airworthiness* u l-manutenzjoni.

7. Matul in-negozjati, iż-żewġ naħat iddeċidew li jesponu d-dettalji ta' dawn il-proċeduri f'Annessi għall-Ftehim separati u li fit-test tiegħu (ara l-Artikolu 4.F.) jipprevedu espliċitament li kemm il-Ftehim kif ukoll l-Annessi tiegħu jorbtu liż-żewġ Partijiet bl-istess mod. Dan kien meħtieġ peress li qabel, u s'issa, ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, inkluż l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fil-qasam tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ġew interpretati b'tali mod li l-proċeduri ta' implimentazzjoni ta' oqsma speċifiċi, bħall-manutenzjoni u *airworthiness,* kienu jagħmlu parti minn dokumenti li ma kinux parti integrali tal-ftehim mal-pajjiż terz. Dawn il-ftehimiet, mingħajr eċċezzjoni, saru bejn l-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni ċivili u ġuridikament kienu meqjusa bħala arranġamenti ta' ħidma, filwaqt li l-ftehimiet dwar is-sikurezza kienu ġew innegozjati bejn il-gvernijiet.

8. In-negozjati tmexxew flimkien ma' miżuri maħsuba biex irawmu aktar kunfidenza bejn il-partijiet:

(a) Spezzjonijiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali bl-għan li dawn jiġu inklużi kemm fl-IPA kif ukoll fil-MIP. F'Jannar 2005, anke l-EASA stess kienet soġġetta għal verifika mill-FAA, segwita minn żjara oħra ta' kontinwazzjoni li saret fi Frar 2006.

(b) "shadow certification projects" : l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti talbu li l-FAA tkun preżenti għall–proġetti ta' ċertifikazzjoni li jsiru mill-EASA, sabiex tiffamiljarizza ruħha mal-proċeduri ta' l-Aġenzija. Il-FAA u l-EASA qablu li l-FAA tkun preżenti għal għadd ta' proġetti ta' ċertifikazzjoni (Ċertifikazzjoni tat-Tip u Ċertifikazzjoni tat-Tip Supplimentari).

9. Minn meta ngħatat l-awtorizzazzjoni għan-negozjar, minbarra għadd kbir ta' laqgħat tekniċi, iż-żewġ gruppi ta' negozjar iltaqgħu 9 darbiet: Brussell, 10 - 11 ta' Marzu, 12 -13 ta' Lulju, Washington, 9 - 10 ta' Novembru 2004; Brussell, 13 - 14 ta' April, 14 - 15 ta' Diċembru, Washington, 7 - 8 ta' Lulju 2005; Washington, 29 -30 ta' Marzu, Brussell, 14 ta' Ġunju 2006 u 1 ta' Marzu 2007.

10. Il-Kumitat Speċjali, li ġie stabbilit mill-Kunsill fl-okkażjoni ta' l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni, iltaqgħa 3 darbiet biex jeżamina t-test: 6 ta' Lulju 2006, 25 ta' Jannar u 19 ta' Marzu 2007.

3. IL-BAŻI LEGALI TAL-FTEHIM

11. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ fil-prodotti taqa' taħt l-ambitu tal-politika kummerċjali komuni kif definita fl-Artikolu 133(1) KE u għalhekk taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità[1].

12. Barra minn hekk, bid-dħul fis-seħħ, f'Settembru 2002, tar-Regolament (KE) Nru. 1592/2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabilixxi l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (EASA), il-Komunità kisbet armonizzazzjoni interna fl-oqsma koperti minn dak ir-Regolament, jiġifieri: *airworthiness* inizjali u kontinwa (inkluż il-manteniment) u kompatibbiltà ambjentali tal-prodotti ajrunawtiċi. Dan ir-Regolament ġie ikkomplementat minn sett ta' miżuri ta' Implimentazzjoni (Regolamenti tal-Kummissjoni Nru. 1702/2003 u Nru. 2042/2003) li jistipulaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-applikanti, minn dawk li huma ċċertifikati u minn awtoritajiet, sabiex ikun żgurat li r-rekwiżiti u l-għanijiet essenzjali tar-Regolament Bażiku jiġu mħarsa l-ħin kollu. Il-Ftehim propost jaffettwa din il-leġiżlazzjoni tal-Komunità fis-sens tal-ġurisprudenza ERTA.

13. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Komunità għandha kompetenza esklussiva sabiex tikkonkludi l-ftehim, abbażi ta' l-Artikoli 133(4) u 80(2)KE.

4. STRUTTURA TAL-FTEHIM

14. Il-Ftehim li ġie nnegozjat jirrifletti bejn wieħed u ieħor struttura ta' fteħim "klassiku" fil-qasam tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni, jew aħjar "BASA" kif jissejħu l-Ftehimiet Bilaterali dwar is-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membru u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. L-istess bħal fil-każ tal-BASAs, il-Ftehim huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka tas-sistemi ta' xulxin u fuq il-paragun tad-differenzi regolatorji. Għalhekk, dan jimponi obbligi u metodi ta' kooperazzjoni bejn l-awtorità li tesporta u dik li timporta, biex b'hekk, din ta' l-aħħar tkun tista' toħroġ iċ-ċertifikat tagħha stess mingħajr ma tirrepeti l-evalwazzjonijiet li tkun għamlet l-awtorità li tesporta kif ukoll proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim għall-emenda tal-ftehim.

15. Il-mod ta' kif dan isir, jiġifieri, kif issir il-kooperazzjoni u l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni fil-qasam ta' l-*airworthiness* u manutenzjoni (il-metodi, l-iskop f'termini ta' programmi u servizzi, differenzi bejn ir-regolamenti li teknikament jissejħu wkoll "kundizzjonijiet speċjali") huma stipulati fl-Annessi tal-Ftehim. Din hija d-differenza bejn il-Ftehim u l-BASAs eżistenti bejn

---

[1] Opinjoni 1/94, WTO, [1994] ECR I-5267, paragrafu 33 Konsistenti ma' din il-ġurisprudenza, ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku għal prodotti huma ġeneralment konklużi abbażi ta' l-Artikolu 133 KE. Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/78/KE, tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ĠU L 31 ta' 4.2.1999.

l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi inkluż l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Fil-każ tal-BASAs eżistenti, dak li hemm ippreżentat fl-Annessi normalment jitniżżel fi ftehimiet separati f'livell ta' awtorità ta' l-avjazzjoni ċivili u ma' jkollux in-natura vinkolanti ta' trattat. Normalment, dawn l-arranġamenti jissejħu l-"MIP" (għal M*aintenance Implementation Procedures*) u l-"IPA" (għal *Implementing Procedures for Airworthiness*). Fil-prattika, id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ta' BASA jista' jsir biss wara l-iffirmar ta' IPA u/jew MIP, peress li dawn huma t-testi li jiddefinixxu kif għandhom jinkisbu l-għanijiet stipulati fil-BASA. Kien għalhekk li, waqt in-negozjati, il-Kummissjoni insistiet li l-proċeduri li jirregolaw l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni fil-qasam ta' l-*airworthiness* u l-manutenzjoni għandhom isiru parti integrali, fil-forma ta' Annessi, mill-Ftehim.

16. Kif jiġri fil-każ tal-qafas tal-BASAs, fejn il-proċeduri ta' implimentazzjoni huma ppjanati biex jiffunzjonaw bil-flessibbiltà meħtieġa għall-applikazzjoni bla problemi fuq bażi ta' kuljum sabiex jitħaffef ix-xogħol amministrattiv għaż-żewġ partijiet – l-awtoritajiet involuti, kif ukoll l-entitajiet (id-diversi entitajiet iċċertifikati u l-applikanti, kull wieħed skond il-kontroll regolatarju li jaqa' taħtu), il-ftehim negozjat jipprovdi sabiex l-Annessi li jirriflettu b'mod wiesa' il-kontenut tar-Regoli ta' Implimentazzjoni Komunitarji dwar l-*airworthiness* (Regolament tal-Kummissjoni Nru. 1702/2003) u manutenzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru. 2042/2003) jiġu modifikati miż-żewġ Partijiet permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni.

5. IL-KONTENUT TAL-FTEHIM

5.1. Drittijiet u obbligi ċari għaż-żewġ Partijiet

17. Il-Ftehim ma jipproponix li jmur 'l hinn minn dak li hu permess fil-liġi applikabbli ta' kwalunkwe parti. Il-liġi applikabbli għall-Komunità Ewropea hija r-Regolament (KE) Nru. 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabilixxi l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, u l-miżuri ta' implimentazzjoni u kwalunkwe modifika tiegħu.

18. Dan ifisser li s-sistema tal-Komunità tibqa' riflessa bis-sħiħ fl-abbozz ta' test li jistipula b'mod ċar id-differenza bejn iċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti u komponenti ajrunawtiċi u ta' l-organizzazzjonijiet involuti fid-disinn, produzzjoni u manutenzjoni ta' tali prodotti u komponenti. B'mod partikolari, dan jidher fl-Artikoli 3 (ġestjoni eżekuttiva), 4 (dispożizzjonijiet ġenerali) u 19 (dħul fis-seħħ, emendi u terminazzjoni).

5.2. Mezzi effikaċi għall-ksib ta' l-għanijiet tal-mandat

19. L-abbozz jistipula li kull parti għandha taċċetta l-konklużjonijiet ta' konformità tal-parti l-oħra meda dawn isiru skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi – Artikolu 4.A.

20. L-abbozz ta' test jirrikonoxxi d-dritt ta' l-awtorità regolatorja ta' kwalunkwe parti li joħroġ ċertifikazzjoni li tafferma l-konformità mas-sistema tal-parti l-oħra, f'isem il-parti l-oħra - Artikolu 5.A.

21. Sabiex ikun żgurat li l-fiduċja reċiproka tkompli – il-Ftehim jipprevedi għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' kooperazzjoni kontinwa u l-konsultazzjoni ssir permezz ta' kooperazzjoni aqwa fil-qafas ta' verifiki, spezzjonijiet, notifikazzjonijiet f'waqthom u konsultazzjonijiet dwar il-materji kollha li jaqgħu taħt l-ambitu tiegħu – Artikolu 6 dwar kooperazzjoni u trasparenza regolatorja.

5.3. Konsultazzjonijiet regolari u soluzzjoni rapida tat-tilwim

22. L-abbozz ta' ftehim hu mfassal biex jaħdem mingħajr problemi fuq bażi ta' kuljum sabiex jinstab tarf kemm jista' jkun malajr ta' kwistjonijiet tekniċi li jinqalgħu mill-implimentazzjoni tiegħu.

23. Għal dan il-għan qiegħed jinħoloq kumitat konġunt – il-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni (il-Bord) – kif ukoll sotto-kumitati – il-Bord Konġunt ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni u l-Bord Konġunt ta' Superviżjoni tal-Manutenzjoni – li jirrapportaw lill-Bord u jimmonitoraw l-applikazzjoni ta' l-Annessi. Kemm il-Bord kif ukoll is-sotto-kumitati għandhom funzjonijiet ta' konsultazzjoni u ta' medjazzjoni wkoll, sabiex ikun żgurat il-funzjonament tal-ftehim mingħajr problemi billi jipprovdu forum għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ partijiet – Artikolu 3 (ġestjoni eżekuttiva) u 5 (l-annessi).

24. Il-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni huwa inkarigat li jiddiskuti u jiddeċiedi kwalunkwe emenda għall-proċeduri ta' implimentazzjoni jew li jinkorpora fil-ftehim kwalunkwe proċedura ta' implimentazzjoni konformi mal-mandat.

25. Fi kwalunkwe ħin, jista' jintalab li jsiru konsultazzjonijiet – Artikolu 17. Madankollu, il-partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex isibu tarf ta' kwistjonijiet tekniċi fl-aktar livell baxx possibbli, qabel dawn isiru "tilwim".

5.4. Żamma ta' livell għoli ta' fiduċja fis-sistemi ta' xulxin

26. Sabiex jinżamm livell għoli ta' fiduċja fis-sistema ta' ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* taż-żewġ naħat, il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika qed jassumu ċerti obbligi:

- li jiżguraw li l-Aġenti Tekniki u l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni tagħhom josservaw ir-responsabbiltajiet tagħhom skond il-Ftehim - l-Artikolu 4.D.

- li jikkooperaw għall-assikurazzjoni tal-kwalità u jippermettu l-parteċipazzjoni ta' xulxin fil-funzjonijiet ta' spezzjonijiet u monitoraġġ ta' żamma ta' standards (awtoritajiet u intrapriżi) – Artikolu 7,

- li jikkooperaw f'azzjonijiet ta' infurzar li għandhom x'jaqsmu ma' l-eżaminazzjoni xierqa tal-konformità tal-prodotti, proċessi u servizzi, kif previst fl-annessi applikabbli – Artikolu 8,

- li jpartu *data* dwar is-sikurezza – tagħrif disponibbli dwar aċċidenti u inċidenti – Artikolu 9 u biex tkun żgurata l-konfidenzjalità xierqa meta jitpartat it-tagħrif – Artikolu 11.

- Li jinnotifikaw lil xulxin dwar ir-rekwiżiti applikabbli kollha – Atikolu 10, u li jikkonsultaw ma' xulxin minn kmieni dwar bidliet fir-regolamenti u fl-organizzazzjoni – Artikolu 15. B u C.

5.5. Miżuri ta' sigurtà effikaċi

27. L-abbozz ta' test tal-ftehim huwa mfassal b'mod li jippermetti lill-partijiet il-flessibbiltà meħtieġa li jirreaġixxu għal problemi ta' sikurezza immedjatament jew biex jimponu livell għola ta' protezzjoni li jqisu li jkun xieraq għas-sikurezza - Artikolu 15.A u B. Ġew previsti proċeduri speċifiċi sabiex jippermettu li ż-żewġ naħat ikunu jistgħu jiffaċċjaw tali sitwazzjonijiet mingħajr ma jipperikolaw il-validità tal-ftehim.

28. Madankollu, jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx jirrimedjaw xi sitwazzjoni speċifika b'mod sodisfaċenti, l-abbozz ta' test tal-ftehim jipprevedi (i) il-possibbiltà li tkun sospiża l-aċċettazzjoni ta' konklużjonijiet ta' l-Awtorità Kompetenti kkontestata - Artikolu 18 u (ii) il-mezzi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għat-terminazzjoni ta' parti mill-ftehim jew tal-ftehim kollu - Artikolu 19.D. u F.

2007/0110 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2) u 133(4) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kumissjoni biex tibda n-negozjati;[3]

(2) Il-Ftehim negozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità, soġġett għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i li jkollha/jkollhom is-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom ma' l-Istati Uniti, li huma elenkati fid-Dokument 1 mehmuż mal-Ftehim, jistgħu jiġu emendati jew mitmuma, kif ikun xieraq, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

---

2 ĠU C , , p. .

3 SEC(2003) 1319 finali tal-24.11.2003.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0111 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2) u 133(4) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[4],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kumissjoni biex tibda n-negozjati;

(2) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, konformi mad-Deċiżjoni.../.../KE tal-Kunsill tal-...;

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat;

(4) Huwa meħtieġ li jiġu stipulati l-arranġamenti ta' proċedura għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-korpi konġunti stabbiliti minn dan il-Ftehim, kif ukoll għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet li jikkonċernaw b'mod partikolari l-emendi tal-Ftehim u ta' l-Annessi tiegħu, iż-żieda ta' Annessi ġodda, it-terminazzjoni ta' xi Annessi, konsultazzjonijiet u soluzzjoni ta' tilwim u l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja;

(5) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-istess suġġett jiġu emendati jew mitmuma, kif ikun xieraq, mad-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili huwa approvat f'isem il-Komunità.

---

[4] ĠU C , , p. .

(2) It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

(3) Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 19(1) tal-Ftehim.

Artikolu 2

(1) Fil-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni li huwa stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Ftehim, il-Komunità ser tkun rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea assistita mill-Aġenzija ta' Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea u akkompanjata mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni bħala rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

(2) Fil-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni previst fil-paragrafu 2.1.1 ta' l-Anness 1 tal-Ftehim u fil-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Manutenzjoni provdut fil-paragrafu 3.1.1 ta' l-Anness 2 tal-Ftehim, il-Komunità ser tkun rappreżentata mill-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea assistita mill-Awtoritajiet ta' Avjazzjoni direttament effettwati mill-aġenda ta' dik il-laqgħa.

Artikolu 3

(1) Wara li tikkonsulta mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, il-Kummissjoni ser tiddeċiedi dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni fir-rigward dawn il-materji:

– L-adozzjoni jew l-emendi ta' proċeduri ta' kontroll intern tal-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni previst fl-Artikolu 3.B tal-Ftehim;

– Kwalunkwe emendi għall-Annessi tal-Ftehim li jsiru skond l-Artikolu 19.B tal-Ftehim u li huma konsistenti mal-, u ma' jinkludu ebda modifika tal-, leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti.

(2) Wara li tikkonsulta mal-kumitat speċjali msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tieħu din l-azzjoni:

– Tadotta miżuri ta' salvagwardja skond l-Artikolu 15.B tal-Ftehim;

– Titlob li jsiru konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 17.A tal-Ftehim;

– Tissospendi l-aċċettazzjoni ta' konklużjonijiet u tirrevoka t-tali sospensjoni skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim.

(3) Filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar proposta mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-materji:

– L-adozzjoni ta' Annessi oħra skond l-Artikolu 3.C.7 u l-Artikolu 19.C tal-Ftehim;

– Kwalunkwe emendi oħra għall-Ftehim li ma' jaqgħux taħt l-ambitu tal-paragrafu 1;

– It-terminazzjoni ta' xi Annessi skond l-Artikolu 19.E tal-Ftehim.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li huma elenkati fid-Dokument 1 mehmuż mal-Ftehim, jiġu emendati jew mitmuma, kif ikun xieraq, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM BEJN

L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA

U

L-KOMUNITÀ EWROPEA

Dwar kooperazzjoni fit-treġija tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili

L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA U L-KOMUNITÀ EWROPEA (minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet"),

Bix-xewqa li jkomplu jibnu fuq deċennji ta' kooperazzjoni trans-Atlantika fl-oqsma ras-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili u l-ittestjar u ċertifikazzjoni ambjentali;

Bil-għan li tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' kooperazzjoni li ilha teżisti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti sabiex ikun żgurat livell għoli ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili mad-dinja kollha u sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-piżijiet ekonomiċi li jaqgħu fuq l-industrija ta' l-avjazzjoni u l-operaturi tagħha minħabba superviżjonijiet regolatorji bla bżonn.

B'impenn li jkunu żgurati s-sikurezza kontinwa fl-operat tal-flotot ta' l-avjazzjoni ċivil u t-tpartit f'waqtu ta' informazzjoni f'livell intern.

B'impenn li tiġi żviluppata sistema komprensiva ta' kooperazzjoni regolatorja fis-settur tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili u ttestjar u ċertifikazzjoni ambjentali li tkun ibbażata fuq komunikazzjoni kontinwa u fiduċja reċiproka; u

B'rikonoxximent tad-drittijiet u obbligi ta' l-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea (l-"Istati Membri") skond il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li saret f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944 ("Konvenzjoni ta' Chicago) u l-annessi tagħha;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-Ftehim, it-terminu:

A. "Approvazzjoni ta' *airworthiness*" tfisser il-konklużjoni li d-disinn jew il-modifika tad-disinn ta' prodott ta' l-ajrunawtika ċivili jissodisfa l-istandards applikabbli jew li

prodott individwali jikkonforma ma' disinn li hu meqjus li jaqbel ma' dawk l-istandards u li jinstab f'kundizzjoni li jintuża mingħajr periklu.

B. "Awtorità ta' l-Avjazzjoni" tfisser aġenzija jew entità governattiva responsabbli, ta' xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, li f'isem il-Komunità Ewropea, jagħmel superviżjoni uffiċjali fuq entitajiet regolati u jiddetermina il-konformità tagħhom ma' l-istandards u r-regolamenti applikabbli u ma' rekwiżiti oħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Komunità Ewropea.

C. "Prodott ta' l-ajrunawtika ċivili" tfisser kwalunkwe ajruplan ċivili, magna ta' ajruplan, jew skrun, jew tagħmir, jew komponent li jitwaħħal fuqu.

D. "Ċertifikazzjoni ambjentali" tfisser il-konklużjoni li d-disinn jew il-modifika tad-disinn ta' prodott ta' ajrunawtika ċivili jissodisfa l-istandards applikabbli għall-istorbju, rimi ta' fjuwil u l-emissjonijiet ta' exhaust.

D. "Ittestjar ambjentali" tfisser proċess li bih id-disinn jew il-modifika tad-disinn ta' prodott ta' l-ajrunawtika ċivili jkun eżaminat għall-konformità ma' l-istandards u proċeduri applikabbli għall-istorbju, rimi ta' fjuwil u l-emissjonijiet ta' exhaust.

F. "Aġent Tekniku" tfisser, għall-Istati Uniti, il-Federal Aviation Administration (FAA); u għall-Komunità Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA).

G. "Manutenzjoni" tfisser it-twettiq ta' waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin: l-ispezzjoni, qlugħ ta' magni għall-eżaminazzjoni (*overhaul*), tiswija, preservazzjoni, jew bdil ta' partijiet, materjali, tagħmir, jew komponenti ta' prodott ta' l-ajrunawtika ċivili sabiex jiġi żgurat l-*airworthiness* kontinwu tat-tali prodott; jew l-installazzjoni ta' tibdil jew modifiki li jkunu approvati minn qabel u li jsiru kif jitolbu r-rekwiżiti stabbiliti mill-Aġent Tekniku xieraq.

H. "Monitoraġġ" tfisser is-sorveljanza perjodika meħtieġa biex tiddetermina ż-żamma ta' konformità ma' l-istandards xierqa.

I. "Entità regolata" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika li l-attivitajiet tagħha fl-oqsma ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili u ta' ttestjar u ċertifikazzjoni ambjentali huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni statutorja u regolatorja ta' waħda mill-partijiet jew tat-tnejn li huma.

Artikolu 2

L-Għan u l-Ambitu

A. Il-fini ta' dan il-Ftehim huma illi:

(1) Jippermetti, kif previst fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet dwar konformità u approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenti Tekniċi u Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni.

(2) Jippromwovi livell għoli ta' sikurezza fit-trasport bl-ajru.

(3) Jiżgura ż-żamma ta' livell għoli ta' kooperazzjoni regolatorja u ta' armonizzazzjoni li teżisti bejn l-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea fl-oqsma koperti fil-paragrafu B.

B. L-ambitu ta' kooperazzjoni ta' dan il-Ftehim huwa:

(1) L-approvazzjonijiet ta' *airworthiness* u l-monitoraġġ ta' prodotti ta' l-ajrunawtika ċivili;

(2) L-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni ambjentali ta' prodotti ta' l-ajrunawtika ċivili; u

(3) L-approvazzjonijiet u monitoraġġ ta' faċilitajiet ta' manutenzjoni.

C. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu dwar oqsma oħra ta' kooperazzjoni u aċċettazzjoni permezz ta' emenda bil-miktub għal dan il-Ftehim, bi qbil ma' l-Artikolu 19.

Artikolu 3

Ġestjoni Eżekuttiva

A. Il-Partijiet, b'dan jistabbilixxu Bord Bilaterali ta' Superviżjoni (il-"Bord") li ser ikun responsabbli biex jiżgura l-funzjonament effettiv ta' dan il-Ftehim u li ser jiltaqa' regolarment biex jevalwa l-effettività ta' l-implimentazzjoni tiegħu.

B. Il-Bord ser ikun kompost minn rappreżentanti ta':

L-Istati Uniti ta' l-Amerika, li ser tkun il-Federal Aviation Administration (ko-presidenza), u

Il-Komunità Ewropea, li ser tkun il-Kummissjoni Ewropea (ko-presidenza) assistita mill-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea u akkompanjata mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni.

Il-Bord jista' jistieden il-parteċipazzjoni ta' esperti f'suġġetti speċifiċi fuq bażi ad hoc. Il-Bord jista jistabbilixxi u jissorvelja x-xogħol ta' gruppi tax-xogħol tekniċi. Il-Bord ser jiżviluppa u jadotta proċeduri ta' kontroll intern. Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu permezz ta' kunsens; kull Parti jkollha vot wieħed. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu bil-miktub u ffirmati mir-rappreżentanti tal-Partijiet fil-Bord.

C. Il-Bord jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari għandu jkun responsabbli għal li ġej:

(1) Soluzzjoni ta' tilwim, kif speċifikat fl-Artikolu 17.

(2) Fejn ikun xieraq, l-emendi ta' l-Annessi, bi qbil ma' l-Artikolu 19.B.

(3) Jipprovdi forum għad-diskussjoni dwar kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu u tibdil li jista' jaffettwa l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

(4) Jipprovdi forum għad-diskussjoni dwar attitudni komuni għall-kwistjonijiet ta' sikurezza u ambjentali fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, u għat-tpartit bejn il-Partijiet – fuq bażi regolari - ta' tagħrif dwar materji ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni, inkluż konsultazzjoni dwar miżuri ta' sikurezza ġodda u tibdil ta' miżuri li diġà jeżistu..

(5) Jipprovdi forum għal diskussjonijiet urġenti ta' abbozzi ta' regolamenti u leġiżlazzjoni mressqa minn xi waħda mill-Partijiet.

(6) Tpartit ta' tagħrif dwar tibdil eventwali fl-organizzazzjoni.

(7) Jadotta Annessi oħra, kif ikun xieraq.

(8) Jagħmel proposti lill-Partijiet, jekk ikun xieraq, sabiex jemendaw dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet ġenerali

Kull Parti għandha taċċetta konklużjonijiet dwar konformità u approvazzjonijiet magħmula mill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra u, fil-każ ta' l-Istati Uniti, dawk magħmula mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, skond it-termini u kundizzjonijiet stipulati fl-Annessi ta' dan il-Ftehim.

C. Għajr għal kif speċifikat fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jinvolvi l-aċċettazzjoni jew ir-rikonoxximent reċiproku ta' standards jew regolamenti tekniċi tal-Partijiet.

C. Il-partijiet għandhom jirrikonoxxu s-sistemi ta' delegazzjoni lil persuni nnominati jew lil entitatijiet regolati eżistenti, mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bħala ekwivalenti għall-iskop ta' konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi rispettivi ta' kull Parti. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi, il-Partijiet għandhom jagħtu validità lill-konklużjonijiet dwar il-konformità magħmulin minn dawn il-persuni nominati jew mill-entitajiet regolati, l-istess bħal ma jagħtu lil dawk magħmulin minn xi Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni. Sistemi ta' delegazzjoni li jkunu implimentati wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser ikunu soġġetti għal miżuri ta' bini ta' fiduċja.

D. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni tagħhom iwettqu d-doveri tagħhom skond dan il-Ftehim, inkluż l-Annessi tiegħu.

E. **Fil-każ li xi persuna ċċertifikata għal xi disinn titrasferixxi l-approvazzjoni tagħha lil xi entità oħra, l-Aġent Tekniku responsabbli għall-approvazzjoni tad-disinn għandu jgħarraf mill-ewwel lill-Aġent Tekniku l-ieħor b'dan it-trasferiment.**

F. Dan il-Ftehim, inkluż l-Annessi tiegħu, jorbot liż-żewġ Partijiet.

Artikolu 5

Annessi

A. Dwar materji li jaqgħu fl-ambitu ta' l-Artikolu 2.B (1), (2) u (3), il-Partijiet jaqblu li l-istandards ta' l-avjazzjoni ċivil, ir-regoli, il-prattiċi u l-proċeduri ta' kull Parti huma kompatibbli biżżejjed li jippermettu l-aċċettazzjoni reċiproka ta' approvazzjonijiet u konklużjonijiet ta' il-konformità ma' standards li diġà hemm ftehim fuqhom magħmulin minn Parti waħda f'isem il-Parti l-oħra, kif speċifikat fl-Annessi. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jeżistu differenzi tekniċi bejn is-sistemi ta' l-avjazzjoni ċivili tagħhom, u dawn huma indirizzati fl-Annessi.

B. Dwar materji miżjuda ma' l-ambitu ta' l-Artikolu 2.B skond l-Artikolu 2.C, il-Partijiet jew ir-rappreżentanti tagħhom fil-Bord għandhom jiżviluppaw Annessi ġodda li jiddeskrivu it-termini u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-aċċettazzjoni reċiproka tat-tali konklużjonijiet ta' konformità u approvazzjonijiet, meta jaqblu li l-istandards ta' l-avjazzjoni ċivili, ir-regoli, il-prattiċi u l-proċeduri ta' kull Parti fi kwalunkwe mill-oqsma ta' kooperazzjoni miżjuda huma kompatibbli biżżejjed li jippermettu l-aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet u konklużjonijiet ta' konformità ma' standards li diġà hemm ftehim fuqhom minn Parti waħda f'isem il-Parti l-oħra.

C. Kull Anness, għandu jkollu mill-anqas:

(1) Dispożizzjonijiet li jistabbilixxu u jsostnu l-fiduċja fil-kapaċità teknika ta' l-Aġenti Tekniċi u ta' kwalunkwe Awtorità ta' l-Avjazzjoni rilevanti tal-Parti l-oħra sabiex jaslu għal konklużjonijiet f'isem il-Parti l-oħra.

(2) Proċeduri għall-inklużjoni u s-sospensjoni ta' aċċettazzjoni ta' konklużjonijiet dwar konformità u approvazzjonijiet magħmulin minn Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni speċifiċi.

(3) Ambitu definit għall-aċċettazzjoni ta' konklużjonijiet dwar konformità u approvazzjonijiet bejn il-Partitjiet.

(4) Dispożizzjonijiet għal konsultazzjonijiet tekniċi bejn l-Aġenti Tekniċi.

(5) Dispożizzjonijiet għal korpi konġunti ta' koordinazzjoni, kif ikun xieraq.

(6) Dispożizzjonijiet li jawtorizzaw lill-Aġenti Tekniċi biex jiżviluppaw u jtemmu proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

Artikolu 6

Kooperazzjoni Regolatorja u Trasparenza

A. L-Aġenti Tekniċi għandhom jiżviluppaw u jadottaw proċeduri għall-kooperazzjoni regolatorja fis-sikurezza u ċertifikazzjoni ta' l-avjazzjoni ċivili u ambjentali, b'kunsiderazzjoni għall-linji ta' gwida rilevanti dwar il-kooperazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-opportunità għall-konsultazzjoni u parteċipazzjoni, kull meta jkun possibbli, ta' esperti minn fost l-Aġenti Tekniċi, l-awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, u l-industrija ta' Parti waħda, fl-istadji bikrija ta' tħejjija ta' regolamenti dwar l-avjazzjoni ċivili li jkunu qed isiru mill-Parti l-oħra.

B. Soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni trans-Atlantika f'inizjattivi sinifikanti ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni, kif ikun xieraq.

Artikolu 7

Kooperazzjoni għall-Assikurazzjoni tal-Kwalità u f'Attivitajiet ta' Spezzjoni ta' l-Istandards

Sabiex jippromwovu l-ftehim kontinwu u l-kompatibbiltà tas-sistemi regolatorji ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni ta' xulxin, kull Aġent Tekniku jista' jipparteċipa fl-assikurazzjoni interna tal-kwalità u f'funzjonijiet ta' spezzjoni ta' standards relatati ma' l-approvazzjoni u l-monitoraġġ, tal-Parti l-oħra, kif previst fl-Annessi.

Artikolu 8

Kooperazzjoni f'Attivitajiet ta' Infurzar

Soġġett għall-liġijiet u regolamenti applikabbli, il-Partijiet jaqblu li, permezz ta' l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' Avjazzjoni tagħhom, jipprovdu skond ma jkun xieraq kooperazzjoni u għajnuna reċiproki fi kwalunkwe proċeduri ta' investigazzjoni jew infurzar ta' kwalunkwe allegazzjoni jew suspett ta' ksur ta' kwalunkwe liġijiet jew regolamenti li jaqgħu taħt l-ambitu ta' dan il-Ftehim. Barra minn hekk, kull Parti għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe investigazzjoni mill-ewwel, jekk din tkun taffettwa lit-tnejn li huma.

Artikolu 9

Tpartit ta' Dejta dwar is-Sikurezza

Soġġett għall-liġijiet u regolamenti applikabbli, Il-Partijiet jaqblu,

A. Li jipprovdu lil xulxin, fuq talba tal-Parti l-oħra, u fi żmien xieraq, l-informazzjoni disponibbli għall-Aġenti Tekniċi tagħhom li jkollha x'taqsam ma' aċċidenti u inċidenti li jinvolvu prodotti u entitajiet regolati ta' l-ajrunawtika ċivili, u

B. Li jpartu informazzjoni oħra dwar is-sikurezza skond il-proċeduri żviluppati mill-Aġenti Tekniċi.

Artikolu 10

Rekwiżiti, Proċeduri u Materjal ta' Gwida applikabbli

Il-Partijiet jaqblu li jgħarrfu lil xulxin bi kwalunkwe rekwiżiti, proċeduri u materjal ta' gwida applikabbli għall-materji li huma koperti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 11

Protezzjoni ta' Dejta ta' Proprjetà u Talbiet għall-Informazzjoni

A. Il-Partijiet jirrikonoxxu li informazzjoni li għandha x'taqsam ma' dan il-Ftehim li tkun ġiet sottomessa minn entità regolata jew minnkwalunkweParti jista' jkun fiha proprjetà intellettwali, sigrieti kummerċjali, informazzjoni kummerċjali konfidenzjali, dejta ta' proprjetà, jew dejta oħra konfidenzjali għal dik l-entità regolata jew għal xi persuna oħra (informazzjoni ristretta). Jekk mhux meħtieġ b'liġi, l-ebda Parti ma tista' tikkopja, toħroġ, jew turi informazzjoni li tkun ikkunsidrata bħala ristretta lil ħadd għajr lil xi impjegat ta' dik il-Parti mingħajr il-kunsens minn qabel u bil-miktub tal-persuna jew entità li jkollha interessi ta' konfidenzjalità f'dik l-informazzjoni ristretta.

B. Fil-limiti li fihom il-Komunità Ewropea taqsam l-informazzjoni ristretta ma' kwalunkwe Awtorità ta' l-Avjazzjoni jew ma' kwalunkwe entità li tkun fdata bl-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti ta' l-avjazzjoni ċivili, il-Komunità Ewropea għandha titratta t-tali informazzjoni bħala dokumenti ta' natura sensittiva u tiżgura li t-tali Awtorità ta' l-Avjazzjoni jew entità ma tikkopjax, toħroġ jew taqsam it-tali informazzjoni ma' ħadd aktar għajr xi impjegat tat-tali Awtorità ta' l-Avjazzjoni jew entità, mingħajr kunsens minn qabel u bil-miktub tal-persuna jew entità ġuridika li jkollha interessi ta' konfidenzjalità f'dik l-informazzjoni ristretta.

C. It-talbiet tal-pubbliku għall-informazzjoni imsemmiha fil-paragrafu A ta' dan l-Artikolu, inkluż l-aċċess għad-dokumenti, għandha tiġi indirizzata skond il-liġijiet u regolamenti applikabbli għall-Parti li jkun ser tirċievi t-tali talbiet. Aġent Tekniku li jkun irċieva talba mill-Parti l-oħra jew minn entitajiet li huma regolati minnha għat-tali informazzjoni, qabel ma joħroġ din l-informazzjoni, għandu jikkonsulta ma' l-aġent Tekniku tal-Parti l-oħra. Meta jirrispondu għal dawn it-talbiet, l-Aġenti Tekniċi għandhom jgħinu lil xulxin skond ma jkun xieraq.

Artikolu 12

Applikabilità

Sakemm l-Annessi ta' dan il-Ftehim ma jipprevedux mod ieħor, dan il-Ftehim għandu japplika, min-naħa l-waħda, għas-sistema regolatorja ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, u min-naħa l-oħra, għas-sistema regolatorja ta' l-avjazzjoni ċivili tal-Komunità Ewropea kif japplika fit-territorji li fihom japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u skond il-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattat (jew kwalunkwe strument suċċessur).

Artikolu 13

Aċċess mingħajr xkiel

Għall-fini ta' sorveljanza u spezzjonijiet, l-Aġent Tekniku u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni ta' kull Parti għandhom jgħinu lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra bil-għan li jinkiseb l-aċċess mingħajr xkiel għal entitajiet regolati li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu.

Artikolu 14

Ħlasijiet

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-ħlasijiet imposti mill-Aġenti Tekniċi tagħha fuq l-applikanti u entitajiet regolati għal servizzi ta' ċertifikazzjoni u approvazzjoni skond dan il-Ftehim ikunu ġusti, raġonevoli u proporzjonati mas-servizzi.

Artikolu 15

Il-Protezzjoni ta' l-Awtorità Regolatorja

Dan il-Ftehim ma jillimita bl-ebda mod lill-Awtorità ta'kwalunkweParti biex:

A. Tiddeċiedi, permezz ta' miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, il-livell ta' protezzjoni li jidhrilha li jkun xieraq fil-qasam tas–sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili u għall-ittestjar u approvazzjonijiet ambjentali; u

B. Tieħu l-miżuri kollha xierqa u immedjati li jkunu meħtieġa biex jeliminaw jew inaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe tnaqqis fis-sikurezza. Jekk xi waħda mill-Partijiet tieħu xi azzjoni tali li tolqot attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, hija għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra, meta jkun xieraq, permezz ta' Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni hekk kif dan ikun possibbli, iżda mhux aktar tard minn 15-il jum wara li t-tali azzjoni tkun ittieħdet.

C. Tibdel ir-regolamenti, proċeduri jew standards tagħha u tapplikhom għall-entitajiet regolati minnha. Jekk it-tali bidliet jistgħu jolqtu l-implimentazzjoni ta' dan l-Ftehim, kwalunkwe Parti, jew l-Aġent Tekniku tagħha, jistgħu jitolbu li jsiru konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 17, bil-għan li jemendaw dan il-Ftehim. Minkejja r-riżultat tat-tali

konsultazzjonijiet, ma hemm xejn f'dan il-Ftehim li jista' jżomm il-Parti kkonċernata milli tagħmel il-bidla u tapplikaha għall-entitajiet regolati minnha.

Artikolu 16

Ftehim ieħor

A. Għajr jekk mhux speċifikat mod ieħor fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, id-drittijiet u obbligi li jkunu jeżistu fi kwalunkwe ftehim konkluż minn kwalunkwe Parti ma' parti terza ma għandu jkollhom la forza u anqas effett fuq il-Parti l-oħra skond dan il-Ftehim.

B. Fid-dawl ta' dan il-Ftehim u mad-dħul fis-seħħ tiegħu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, u l-Komunità Ewropea għandha tiżgura – skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea – li l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jemendaw jew itemmu, kif ikun xieraq, il-ftehimiet bilaterali elenkati fid-Dokument 1 mehmuż, bejn l-Istati Uniti u Stati Membri individwali ta' l-Unjoni Ewropea.

C. Sakemm l-Annessi ma jipprevedux mod ieħor, konklużjonijiet ta' kompatibbiltà u approvazzjonijiet li jkunu validi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u li jkunu aċċettati mill-Istati Uniti jew minn xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea skond xi wieħed mill-ftehimiet bilaterali dwar is-sikurezza ta' l-avjazzjoni jew mill-ftehimiet bilaterali dwar *airworthiness* elenkati fid-Dokument 1 mehmuż, għandhom jitqiesu bħala validi mill-Partijiet ta' dan il-Ftehim skond it-termini aċċettati skond it-tali ftehimiet, sakemm l-approvazzjonijiet jiġu mibdulin jew imħassrin.

Artikolu 17

Konsultazzjoniet u Soluzzjoni għal Tilwim

A. Kull Parti tista' titlob għal konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar kwalunkwe suġġett relatat ma' dan il-Ftehim. Il-Parti l-oħra għandha tirrispondi għat-tali talba mill-ewwel u għandha tibda konsultazzjonijiet, f'data miftehma bejn il-Partijiet, fi żmien 45 jum.

B. L-Aġenti Tekniċi tal-Partijiet għandhom jippruvaw isibu soluzzjoni għal kwalunkwe nuqqas ta' qbil ta' bejniethom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kooperazzjoni tagħhom skond dan il-Ftehim, permezz ta' konsultazzjoni skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Annessi ta' dan il-Ftehim.

C. Fil-każ li l-Aġenti Tekniċi ma jkunux jistgħu isolvu t-tilwim kif previst fil-paragrafu B, kwalunkwe wieħed mill-aġenti Tekniċi jista' jirreferi t-tilwima lill-Bord, li mbagħad jiddiskuti l-kwistjoni.

Artikolu 18

Sospensjoni ta' l-Aċċettazzjoni tal-Konklużjonijiet

A. Jekk il-konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 17 ma jwasslux għas-soluzzjoni tat-tilwim li jkollu x'jaqsam ma' konklużjonijiet dwar konformità u approvazzjoni, kwalunkwe Parti tista' tgħarraf lill-Parti l-oħra bl-intenzjonijiet tagħha li tissospendi l-aċċettazzjoni tal-konklużjonijiet dwar konformità u approvazzjoni li dwarhom ikun hemm in-nuqqas ta' qbil. Din in-notifika għandha tkun bil-miktub u tispjega r-raġunijiet għalfejn qed issir is-sospensjoni.

B. Din is-sospensjoni għandha tibda tgħodd minn 30 jum wara d-data tan-notifika, sakemm, qabel it-tmiem ta' dan il-perjodu, il-Parti li tkun bdiet is-sospensjoni ma tgħarrafx lill-Parti l-oħra bil-miktub li ser tirtira n-notifika. Din is-sospensjoni ma taffettwax il-validità tal-konklużjonijiet dwar il-konformità, ċertifikati u approvazzjonijiet magħmulin mill-Aġenti Tekniċi jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti kkonċernata qabel id-data li fiha tibda tgħodd is-sospensjoni. Kwalunkwe tali sospensjoni li tkun bdiet tgħodd tista' titħassar mill-ewwel permezz ta' tpartit ta' korrispondenza bil-miktub għal dan il-għan bejn il-Partijiet.

Artikolu 19

Dħul fis-Seħħ, Emendi u Terminazzjoni tal-Ftehim

A. Dan il-Ftehim, **inkluż l-Annessi tiegħu**, għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu partu noti diplomatiċi li jikkonfermaw il-kompletar tal-proċeduri rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

B. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bil-miktub bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Dawn l-emendi, għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu partu noti diplomatiċi li jikkonfermaw il-kompletar tal-proċeduri rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim jew kwalunkwe emendi għalih. Emendi għall-Annessi jistgħu jsiru permezz ta' deċiżjoni tal-Bord.

C. Kwalunkwe Anness individwali li jkun ġie żviluppat mill-Bord **wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim** għandu jidħol fis-seħħ b'deċiżjoni tal-Bord.

D. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi mitmum minn xi waħda mill-Partijiet. Din it-terminazzjoni għandha tiġi effettwata b'notifika bil-miktub sittin jum bil-quddiem minn Parti lill-Parti l-oħra. Din it-terminazzjoni għandha tgħodd ukoll biex ittemm kwalunkwe emendi għal dan il-Ftehim u għall-Annessi tal-Ftehim kollha. Din it-terminazzjoni ma għandhiex tolqot il-validità ta' kwalunkwe ċertifikazzjoni u approvazzjonijiet oħra mogħtija mill-Partijiet skond dan il-Ftehim, inkluż l-annessi tiegħu.

E. Annessi individwali ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu mitmuma minn kwalunkwe Parti. It-terminazzjoni ta' kwalunkwe Anness individwali għandha tibda tgħodd minn sittin jum wara d-data li Parti tkun irċiviet in-notifika tat-terminazzjoni mingħand il-Parti l-oħra, sakemm it-tali notifika ta' terminazzjoni ma tkunx ġiet irtirata. Fil-każ ta' terminazzjoni ta' wieħed jew aktar Annessi, l-Annessi li jifdal jibqgħu fis-seħħ. Madankollu, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-preservazzjoni tal-kumplament tal-Ftehim. Jekk ma jkunx hemm kunsens dwar dan, il-Ftehim jista' jiġi terminat minn kwalunkwe Parti. It-terminazzjoni għandha tibda tgħodd minn sittin jum wara d-data ta' notifika bil-miktub għal dan il-għan minn Parti waħda lill-Parti l-oħra.

F. Wara n-notifika ta' terminazzjoni ta' dan il-Ftehim fl-intier tiegħu jew ta' kwalunkwe Annessi tiegħu, il-Partijiet għandhom ikomplu jwettqu l-obbligi tagħhom skond dan il-Ftehim jew ta' kwalunkwe Annessi tiegħu sad-data effettiva ta' terminazzjoni.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sottoskritti, wara li ġew awtorazzati kif xieraq mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi ____illum____ta'____, 2007, b'żewġ oriġinali, fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiz, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan, Ungeriż u Żvediż. Fil-każ ta' diverġenza fl-interpretazzjoni bejn it-testi tal-varji ilsna, it-test bl-Ingliz għandu jipprevali.

GĦALL-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA: GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA:

ANNESS 1

Pajjiż	**Bilaterali**
L-Awstrija	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni; magħmul fi Vjenna fl-14 ta' Jannar 1997 Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati ta' *airworthiness* għal inġenji ta' l-ajru importati; li sar permezz ta' tpartit ta' noti f'Washington fit-30 ta' April 1959
Il-Belġju	Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikazzjonijiet ta' *airworthiness*; li sar permezz ta' tpartit ta' noti fi Brussell fit-12 ta' Frar u fl-14 ta' Mejju 1973
Ir-Repubblika Ċeka	Proċeduri ta' l-Operat bejn il-Federal Aviation Administration (FAA) u l-Ispettorat ta' l-Avjazzjoni Ċivili (CAI) tar-Repubblika Ċeka għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Ċertifikazzjoni ta' l-*Airworthiness*, *Airworthiness* kontinwa, u Kooperazzjoni Reċiproka u Għajnuna Teknika skond il-Ftehim bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċekoslovakkja, iffirmat fid-29 ta' Jannar 1996 Ftehim bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċekoslovakkja dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati ta' *airworthiness* għal inġenji ta' l-ajru importati; li sar permezz ta' tpartit ta' noti fi Praga fl-1 u fil-21 ta' Ottubru 1970
Id-Danimarka	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni; magħmul f'Kopenħagen fis-6 ta' Novembru 1998 Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikazzjonijiet ta' *airworthiness*; li sar permezz ta' tpartit ta' noti f'Washington fis-6 ta' Jannar 1982
Il-Finlandja	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Ajru, iffirmat f'Ħelsinki fit-2 ta' Novembru 2000 Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati ta' *airworthiness* għall-inġenji ta' l-ajru ċivili glajder u għat-tagħmir ta' inġenji ta' l-ajru ċivili; li sar permezz ta' tpartit ta' noti f'Washington fis-7 ta' Marzu 1974
Franza	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Pariġi fl-14 ta' Mejju 1996 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u

	Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża, iffirmat fl-24 ta' Awwissu 2004 Proċeduri ta' Implimentazzjoni ta' Manutenzjoni li jaqgħu taħt il-Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża, iffirmat fl-14 ta' Mejju 1996
Il-Ġermanja	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Milwaukee fit-23 ta' Mejju 1996 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, Reviżjoni 1, iffirmat fit-3 ta' Ġunju 2002 Proċeduri ta' Implimentazzjoni ta' Manutenzjoni li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fis-6 ta' Ġunju 1997
L-Irlanda	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Dublin fil-5 ta' Frar 1997 Proċeduri ta' Implimentazzjoni ta' Manutenzjoni li jaqgħu taħt il-Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern ta' l-Irlanda, iffirmat fil-5 ta' Frar 1999 l-20 ta' April 1999
L-Italja	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Ruma fis-27 ta' Ottubru 1999 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern ta' l-Italja, għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fl-4 ta' Ġunju 2002
L-Olanda	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'The

	Hague fit-13 ta' Settembru 1995 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern ta' l-Olanda, għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fit-3 ta' Ġunju 2002
Il-Polonja	Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' *airworthiness* ta' prodotti importati ta' l-ajrunawtika ċivili, kif emendat; li sar permezz ta' tpartit ta' noti f'Washington fit-8 ta' Novembru 1976
Ir-Rumanija	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Bukarest, fl-10 ta' Settembru 2002 Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati ta' *airworthiness* għal inġenji ta' l-ajru ċivili glajder importati; li sar permezz ta' tpartit ta' noti f'Washington fis-7 ta' Diċembru 1976 (*Nota: Fi Frar 2007, l-Istati Uniti talbu għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.* In-notifika ta' l-Istati Uniti u r-risposta tar-Rumanija ser jikkostitwixxu it-terminazzjoni). Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Rumanija, għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fl-24 ta' Settembru 2002
Spanja	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Washington, fit-23 ta' Settembru 1999 Ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati ta' *airworthiness* għal inġenji ta' l-ajru importati, kif emendat; li sar permezz ta' tpartit ta' noti f'Madrid fit-23 ta' Settembru 1957
L-Iżvezja	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fi Stokkolma, fid-9 ta' Frar 1998 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern ta' l-Iżvezja, għall-

	Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fit-3 ta' Ġunju 2002
Ir-Renju Unit	Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat f'Londra fl-20 ta' Diċembru 1995 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Approvazzjoni tad-Disinn, Attivitajiet ta' Produzzjoni, Approvazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni, Attivitajiet ta' Approvazzjoni wara l-istadju tad-Disinn, u Għajnuna Teknika bejn Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ftehim ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, iffirmat fl-23 ta' Mejju 2002 Proċeduri ta' Implimentazzjoni għal simulaturi tat-titjir li jaqgħu taħt il-Ftehim għall-Promozzjoni tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, datat 20 ta' Diċembru 1995, ta' bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, Reviżjoni 1, iffirmat fis-6 ta' Ottubru 2005

ANNESS 1:

ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-*AIRWORTHINESS* U AMBJENTALI

1. AMBITU

1.1 Dan l-Anness ikopri 1) l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet dwar konformità, approvazzjonijiet u dokumentazzjoni, u 2) għajnuna teknika dwar:

(a) *Airworthiness* u *airworthiness* kontinwa ta' prodotti ta' l-ajrunawtika ċivili (minn hawn 'il quddiem "prodotti"); u

(b) storbju, rimi ta' fjuwil u emissjonijiet ta' exhaust

1.2 Kif previst fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jaċċettaw reċiprokament il-konklużjonijiet ta' xulxin li jkunu saru mis-sistemi ta' l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u meta applikabbli, il-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika konklużi mill-Aġenti Tekniċi.

2. KORP KONĠUNT TA' KOORDINAZZJONI

2.1 Kompożizzjoni

2.1.1 Korp Konġunt ta' koordinazzjoni teknika imsejjaħ il-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni, li jrid jagħti kont ta' xogħolu lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, huwa b'dan stabbilit taħt it-tmexxija konġunta ta' l-Aġenti Tekniċi. Huwa għandu jinkludi rappreżentanti minn kull Aġent Tekniku responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* u ambjentali, ġestjoni tal-kwalità, sistemi u tfassil ta' regoli.

2.1.2 It-tmexxija konġunta tista' tistieden parteċipanti oħra sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-mandat ta' dan il-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni.

2.2 Mandat

2.2.1 Il-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni għandu jiltaqa' regolarment sabiex jiżgura l-funzjonament u implimentazzjoni effettivi ta' dan l-Anness. Il-funzjonijiet tiegħu għandhom jinkludu partikolarment:

(a) L-iżvilupp, l-approvazzjoni u l-eżaminazzjoni tal-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika;

(b) Il-qsim ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet importanti ta' sikurezza u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzawhom;

(c) Li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Anness;

(d) Li jsolvi kwistjonijiet tekniċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' l-Aġenti Tekniċi u jeżamina kwistjonijiet tekniċi oħra li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti f'livell aktar baxx;

(e) L-iżvilupp ta' mezzi effettivi għall-kooperazzjoni, għajnuna u tpartit ta' informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' standards ta' sikurezza u ambjentali, sistemi ta' ċertifikazzjoni, u ġestjoni tal-kwalità u sistemi ta' żamma ta' standards;

(f) L-amministrazzjoni tal-lista ta' Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni identifikati fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness skond id-deċiżjonijiet li jieħu l-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni;

(g) Li jipproponi emendi fir-rigward ta' dan l-Anness lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni.

2.2.2 Il-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni għandu jirrapporta l-kwistjonijiet mhux solvuti lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza u jiżgura l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet li jkun ħa il-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni fir-rigward ta' dan l-Anness.

3. IMPLIMENTAZZJONI

3.1 Ġenerali

3.1.1 L-Aġenti Tekniċi għandhom jiżviluppaw proċeduri ta' implimentazzjoni teknika għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness li jkomplu jindirizzaw id-differenzi li jeżistu bejn is-sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* u ambjentali taż-żewġ Partijiet.

3.1.2 Kull Aġent Tekniku u, jekk applikabbli, Awtorità ta' l-Avjazzjoni, għandu/ha jappoġġa/tappoġġja t-talba ta' l-Aġent Tekniku, u jekk applikabbli, l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti l-oħra għall-aċċess għad-dejta taħt il-kontroll regolatorju ta' l-Aġent Tekniku l-ieħor u, jekk applikabbli, l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, sabiex iwettaq/twettaq l-attivitajiet ta' dan l-Anness.

3.2 Approvazzjoni tad-Disinn

3.2.1 L-Istati Uniti: L-Aġent Tekniku għandu jwettaq il-funzjonijiet ta' Stat ta' Disinn applikabbli għall-Istati Uniti skond l-Anness 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li saret f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944 ("Konvenzjoni ta' Chicago") għal entitajiet regolati minnu.

3.2.2 L-Aġent Tekniku tal-KE għandu jwettaq f'isem l-Istati Membri ta' l-UE il-funzjonijiet ta' Stat ta' Disinn applikabbli għalihom skond l-Anness 8 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għal entitajiet regolati minnu.

3.2.3 Sabiex tgawdi mill-aċċettazzjoni reċiproka ta' dan il-Ftehim:

(a) L-EASA għandha taġixxi bħala l-awtorità li tiċċertifika, u taċċetta applikazzjonijiet għal ċertifikazzjoni minn applikanti li jinsabu fit-territorju tal-Komunità Ewropea biss għall-approvazzjoni inizjali tad-disinn tagħhom, tibdil fid-disinn u dejta ta' tiswija, u

(b) L-FAA għandha taġixxi bħala l-awtorità li tiċċertifika, u taċċetta applikazzjonijiet għal ċertifikazzjoni minn applikanti li jinsabu fl-Istati Uniti biss għall-approvazzjoni inizjali tad-disinn tagħhom, tibdil fid-disinn u dejta ta' tiswija, u

3.2.4 Kull Aġent Tekniku għandu juża proċess ta' validazzjoni biex japprova

(a) id-disinn ta' l-inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u tagħmir,

(b) ċertifikazzjoni tat-tip supplimentari,

(c) ċerti bidliet kbar fid-disinn tat-tip, kif definit fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, u

(d) bidliet fl-istorbju u fl-emissjonijiet

li ġew, jew qegħdin fil-proċess li jiġu, approvati mill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu ta' Stat ta' Disinn. Il-proċess ta' tisħiħ, kif definit fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, għandu jkun ibbażat kemm jista' jkun fuq l-evalwazzjonijiet tekniċi, testijiet, spezzjonijiet u ċertifikazzjonijiet ta' konformità magħmulin mill-Aġent Tekniku l-ieħor. Il-bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* li tiġi żviluppata matul il-proċess tat-tisħiħ ta' inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, jew skrejjen għandha tuża l-istandards u kodiċi applikabbli ta' *airworthiness* li jkunu fis-seħħ fid-data ta' l-applikazzjoni lill-Aġent Tekniku li jkun qiegħed iwettaq il-funzjonijiet ta' Stat ta' Disinn. Il-kriterji użati għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali għandhom ikunu żviluppati fuq bażi tad-dati preskritti fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

3.2.5 L-Aġenti Tekniċi għandhom jiżguraw li waqt il-proċess tat-tisħiħ, l-informazzjoni li jkollha x'taqsam mar-rekwiżiti ta' l-operat li jħallu impatt fuq id-disinn tkun disponibbli għal xulxin. L-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-EASA.

3.2.6 Fejn ikun xieraq, l-Aġenti Tekniċi jistgħu jużaw ukoll proċessi ta' ċertifikazzjoni konġunta. Iċ-ċertifikazzjoni konġunta hija mod ieħor ta' tisħiħ li hija possibbli meta tkun aċċettata kemm mill-applikant kif ukoll miż-żewġ Aġenti Tekniċi, kif definit fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika. Iċ-ċertifikazzjoni konġunta tkun partikolarment xierqa meta l-komponenti ta' prodott ġdid ikunu ddisinjati minn entità regolata li tkun tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra. F'każ ta' ċertifikazzjoni konġunta, id-demostrazzjoni u l-konklużjonijiet ta' konformità huma mistennija li jsiru lokalment mill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra.

3.2.7 Minħabba li s-sistemi regolatorji – għall-komponenti, dejta tad-disinn tat-tiswija, u tibdil fid-disinn differenti minn dawk imsemmija fil-punt 3.2.4 - tal-Partijiet, huma meqjusa li jixxiebħu tant li ma tkunx meħtieġa l-approvazzjoni separata ta' l-Aġent Tekniku jew ta' l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti li tkun qed timporta, dan l-Aġent Tekniku għandu jaċċetta l-komponent, id-dejta tad-disinn tat-tiswija jew it-tibdil fid-disinn meta dan ikun diġà ġie approvat jew aċċettat b'xi mod ieħor mill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra fit-twettiq tiegħu tal-funzjonijiet ta' Stat ta' Disinn għall-komponent, dejta tad-disinn tat-tiswija, jew tibdil fid-disinn. Il-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika għandhom jidentifikaw meta tkun meħtieġa approvazzjoni separata mill-Aġent Tekniku li jkun qiegħed jimporta.

3.2.8 Il-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika għandhom jidentifikaw ukoll iċ-ċertifikazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tad-disinn, inkluż l-informazzjoni dwar storbju u livelli ta' emissjonijiet.

3.2.9 Fil-każ li xi persuna ċċertifikata għal xi disinn titrasferixxi ċ-ċertifikazzjoni tagħha lil xi entità oħra, l-Aġent Tekniku responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tad-disinn għandu jgħarraf mill-ewwel lill-Aġent Tekniku l-ieħor dwar dan it-trasferiment. Fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, l-Aġenti Tekniċi għandhom jiddefinixxu proċeduri sabiex jitħaffef it-trasferiment ta' ċertifikazzjoni bejn l-entitajiet regolati tal-Partijiet.

3.2.10 L-EASA għandha taċċetta l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni ta' l-Istati Uniti bħala alternattiva aċċettabbli għar-rekwiżiti tal-Komunità Ewropea biex tkun ippruvata l-kapaċità ta' xi applikant.

3.3 *Airworthiness* Kontinwa

3.3.1 L-Aġenti Tekniċi huma impenjati li jaġixxu biex jevitaw kull element ta' periklu fi prodotti ċċertifikati minnhom. L-Aġenti Tekniċi għandhom ipartu l-informazzjoni dwar ħsarat, funzjonament ħażin u difetti li jirċievu mingħand dawk iċċertifikati minnhom sabiex jappoġġaw lill-Aġent Tekniku l-ieħor fl-investigazzjoni tiegħu dwar il-problemi tas-servizz jew kwistjonijiet oħra ta' sikurezza. It-tpartit ta' din l-informazzjoni bejn l-

Aġenti Tekniċi għandha titqies li twettaq l-obbligu ta' kull entità ċċertifikata li tirrapporta ħsarat, funzjonament ħażin u difetti lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra skond il-liġi applikabbli tal-Parti l-oħra. Fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, għandhom jiġu definiti l-azzjonijiet meħtieġa biex ikun evitat kull element ta' periklu u t-tpartit ta' informazzjoni dwar is-sikurezza.

3.3.2 Sakemm l-Aġent Tekniku ta' xi Parti ma jinnotifikax mod ieħor:

(a) Il-FAA għandha twettaq il-funzjonijiet applikabbli ta' *airworthiness* kontinwa ta' l-Istat ta' Disinn applikabbli għall-Istati Uniti skond l-Anness 8 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għal inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u tagħmir, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott.

(b) L-EASA għandha twettaq, f'isem l-Istati Membri ta' l-UE, il-funzjonijiet ta' *airworthiness* kontinwa ta' l-Istat ta' Disinn applikabbli għalihom skond l-Anness 8 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għal inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u tagħmir, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott.

3.3.3 Il-FAA għandha twettaq il-funzjonijiet ta' l-Istat ta' Manifattura applikabbli għall-Istati Uniti skond l-Anness 8 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għal inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u tagħmir, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, li jaqgħu taħt l-awtorità tagħha. L-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni u, meta applikabbli, l-EASA għandhom iwettqu l-funzjonijiet ta' l-Istat ta' Manifattura applikabbli għall-Istati Membri ta' l-UE skond l-Anness 8 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għal inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u tagħmir, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, li jaqgħu taħt l-awtorità tagħha. Fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, għandhom jiġu definiti l-azzjonijiet meħtieġa biex ikun evitat kull element ta' periklu.

3.3.4 Kwalunkwe tibdil fl-istatus ta' proprjetà jew *airworthiness* ta' xi ċertifikat maħruġ minn Aġent Tekniku ta' xi Parti għandhu jiġi mgħarraf lill-Aġent Tekniku l-ieħor fi żmien xieraq.

3.4 Produzzjoni

3.4.1 L-Aġenti Tekniċi u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, jagħtu l-approvazzjoni tal-produzzjoni, fuq bażi ta' sistema aċċettabbli ta' kwalità u spezzjoni ta' produzzjoni, lil dawk il-manifatturi li jaqgħu taħt is-sistema regolatorja tagħhom meta dawk il-manifatturi ikunu involuti fl-esportazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen, tagħmir jew komponenti lejn il-Parti l-oħra. Dawn l-approvazzjonijiet ta' produzzjoni għandhom jiżguraw li kull inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen, tagħmir u komponenti jkunu konformi mad-disinn approvat tal-Parti li tkun qed timporta, li jekk applikabbli ssirilhom prova

tal-funzjonament tagħhom, u li fiż-żmien ta' l-esportazzjoni tagħhom ma jkollhom ebda element ta' periklu.

3.4.2 Minħabba li s-sistemi regolatorji għall-produzzjoni tal-Partijiet huma meqjusa li jixxiebħu biżżejjed, l-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti li tkun qed timporta ma għandux/hiex joħroġ/toħroġ l-approvazzjoni ta' produzzjoni tiegħu/tagħha stess lil dawk il-manifatturi li huma regolati mill-Parti li tkun qed tesporta.

3.4.3 Kull Aġent Tekniku u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jirrikonoxxu l-approvazzjoni ta' produzzjoni li tkun ingħatat mill-Aġent Tekniku jew Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni l-oħra, fosthom:

(a) approvazzjonijiet ta' produzzjoni mogħtija jew estiżi għall-manifattura ta' inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajru, skrejjen, tagħmir u komponenti fit-territorju tagħhom; u għall-manifattura ta' inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u komponenti 'l hinn mit-territorju tagħhom, u

(b) approvazzjonijiet ta' produzzjoni għall-manifattura ta' inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani, skrejjen u komponenti, fuq bażi ta' ftehim dwar linċenzjar għal xi manifattur jew fuq bażi ta' xi arranġament xieraq ma' xi entità li tkun kisbet approvazzjoni tad-disinn fit-territorju tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz. Meta ftehim dwar liċenzjar għall-produzzjoni ta' inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplani jew skrejjen jaqsam ir-responsabbiltajiet ta' Stat ta' Disinn u Stat ta' Manifattura bejn iż-żewġ partijiet, l-FAA u l-EASA, jew (jekk ikun xieraq) xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni, għandhom jiftiehmu dwar arranġament ta' tħaddim.

3.4.4 L-Aġent Tekniku ta' kull Parti u, jekk ikun applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom iwettqu l-obbligi regolatorji rispettivi tagħhom sabiex jissorveljaw lill-manifatturi u lill-fornituri approvati mis-sistema ta' kwalità tal-manifattur, li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra billi joqogħdu fuq is-sistema ta' sorveljanza tal-Parti l-oħra, meta dawn il-kundizzjonijiet ikunu sodisfati:

(a) L-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni responsabbli għas-superviżjoni ta' entità li jkollha l-approvazzjoni ta' produzzjoni jitlob/titlob uffiċjalment għall-għajnuna fix-xogħol ta' sorveljanza;

(b) Il-faċilità tal-manifattura ingħatat ukoll approvazzjoni ta' produzzjoni bi skop simili, maħruġa mill-Aġent Tekniku jew mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tat-territorju li l-faċilità tinstab fih;

(c) L-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti l-oħra hu/hija lest/a u jista'/tista' jwettaq/twettaq it-tali attivitajiet, skond ma jippermettulu/ha r-riżorsi tiegħu/tagħha, u

(d) L-Aġenti Tekniċi jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni għandhom jiddokumentaw, kif ikun xieraq, id-dettalji ta' kwalunkwe għajnuna ta' sorveljanza.

3.4.5 Fil-każ ta' komponenti manifatturati skond is-sistema regolatorja ta' xi Parti f'faċilità li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra, l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għandhom jaċċettaw iċ-Ċertifikati tar-Rilaxx Awtorizzati jew dokumenti oħra, kif miftiehem, minflok id-dokumentazzjoni tagħhom stess skond dawn il-kundizzjonijiet:

(a) Il-faċilità ta' manifattura ingħatat approvazzjoni ta' produzzjoni għal skop simili, li nħarġet minn Aġent Tekniku jew minn Awtorità ta' l-Avjazzjoni elenkat/a fl-Appendiċi 1, li għandu/ha awtorità regolatorja fuq din il-faċilità ta' manifattura; u, meta applikabbli

(b) Fil-każ ta' trasferiment għal xi utenti, l-entità li jkollha l-approvazzjoni tat permess bil-miktub lill-fornitur tagħha, meta dan ikun permess mis-sistema regolatorja ta' l-entità li jkollha l-approvazzjoni.

3.4.6 Fil-każ ta' prodotti manifatturati skond ftehim ta' liċenzjar, l-Aġenti Tekniċi għandhom jistabbilixxu proċeduri sabiex jiżguraw li t-tibdil kollu li jsir fid-disinn min-naħa tal-parti liċenzjata jiġi approvat, permezz ta' l-entità li għandha l-approvazzjoni tad-disinn, mill-Aġent Tekniku li jkun responsabbli li jwettaq l-obbliġi ta' l-Istat ta' Disinn għall-prodott ikkonċernat.

3.5 Ċertifikazzjoni ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni

3.5.1 L-Aġent Tekniku ta' kull Parti jew, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jaċċettaw b'mod reċiproku, iċ-ċertifikazzjoniet ta' *airworthiness* tal-Parti l-oħra għall-prodotti kollha meta prodott ikun esportat mill-ġurisdizzjoni regolatorja ta' Parti għall-ġurisdizzjoni regolatorja tal-Parti l-oħra biċ-ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* li tkun xierqa. L-Aġenti Tekniċi u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni jew organizzazzjonijiet li jkollhom l-approvazzjoni xierqa, għandhom joħorġu din id-dokumentazzjoni ta' *airworthiness* ma' kull esportazzjoni:

(a) Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni għal inġenji ta' l-ajru ġodda jew użati, kif definit fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

(b) Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni jew Ċertifikat tar-Rilaxx Awtorizzat għal magni jew skrejjen ta' l-ajruplan ġodda.

(c) Ċertifikat tar-Rilaxx Awtorizzat għal komponent jew tagħmir ġdid.

3.5.2 Fil-każ ta' prodotti ġodda, l-Aġenti Tekniċi jew l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni identifikati fl-Appendiċi 1 (jew, meta xieraq, l-entitajiet regolati nominati tagħhom) għandhom jiċċertifikaw, permezz ta' ħruġ ta' dokument speċifiku ta' *airworthiness* għall-esportazzjoni, li l-inġenji ta' l-ajru, magni ta' l-ajruplan, skrejjen, komponenti jew tagħmir:

(a) Li huma konformi mad-disinn approvat mill-Aġent Tekniku tal-Parti li tkun qed timporta u speċifikat fl-iskeda tad-dejta taċ-ċertifikat tat-tip jew f'xi approvazzjoni tad-disinn oħra, inkluż kwalunkwe ċertifikati tat-tip oħrajn;

(b) Li huma f'kundizzjoni li jintużaw mingħajr periklu, inkluż il-konformità ma' kwalunkwe Direttivi ta' *Airworthiness* (jekk applikabbli) jew ma' xi Notifika ta' Informazzjoni dwar Sikurezza kif notifikata mill-Aġent Tekniku tal-Parti li tkun qed timporta, u kwalunkwe azzjonijiet ta' sikurezza mandatorji (jekk applikabbli) li jikkonċernaw il-produzzjoni jew manutenzjoni kif notifikati mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni rilevanti tal-Parti li tkun qed timporta.

(c) Li għaddew minn test finali ta' funzjonament, jekk applikabbli;

(d) Li huma mmarkati jew identifikati kif xieraq skond ir-rekwiżiti ta' l-Aġent Tekniku tal-Parti li tkun qed timporta;

(e) Li jissodisfaw ir-rekwiżiti preskritti u notifikati mill-Aġent Tekniku tal-Parti li tkun qed timporta, u

(f) Li għal magna ta' ajruplan li tkun inbniet mill-ġdid, dan ix-xogħol ikun sar mill-manifattur tagħha.

3.5.3 L-Aġenti Tekniċi jew l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni identifikati fl-Appendiċi 1 (jew, meta xieraq, l-entitajiet regolati nominati tagħhom) għandhom jaċċettaw ukoll, għaċ-ċertifikazzjoni standard jew speċjali/ristretta ta' *airworthiness*, ajruplani ċivili użati fil-każ biss li tkun teżisti xi entità li jkollha ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett Ewropew li juri l-*airworthiness* kontinwa ta' l-ajruplan u meta l-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti l-oħra jiċċertifika/tiċċertifika li l-ajruplan

(a) kien miżmum kif xieraq tul il-ħajja ta' servizz tiegħu (kif ippruvat minn dokumenti ta' manutenzjoni), u

(b) jissodisfa r-rekwiżiti imsemmija fil-paragrafu 3.5.2(a) sa (e).

Id-dokumenti ta' spezzjonijiet u manutenzjoni li għandhom jakkumpanjaw l-ajruplani użati huma identifikati fid-dettall fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

3.5.4 Id-dokumenti kollha ta' l-*airworthiness* għandhu jkollhom id-dikjarazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni xierqa, kif speċifikat fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

3.5.5 Jekk, waqt il-proċess ta' ċertifikazzjoni ta' *airworthiness*, l-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti li tkun qed tesporta ma jkunx/tkunx kapaċi jissodisfa/tissodisfa r-rekwiżiti kollha li huma speċifikati fil-paragrafu 3.5.2 (a)-(f) jew 3.5.3, l-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti li tkun qed tesporta għandu/ha;

(a) Jinnotifika/tinnotifika minnufih lill-Aġent Tekniku u l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti l-oħra dwar dan;

(b) Jikkoordina/tikkoordina, ma' l-Aġent Tekniku jew l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti l-oħra kif speċifikat fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, l-aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda tagħhom ta' eċċezzjonijiet għar-rekwiżiti qabel ma ċ-ċertifikazzjoni tiġi kompluta; u

(c) Meta l-prodott jiġi esportat, jiddokumenta/tiddokumenta kwalunkwe eċċezzjonijiet li jkunu ġew aċċettati.

3.5.6 Minbarra l-prodotti elenkati fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness 1, l-FAA għandha tkompli taċċetta prodotti li kienu inklużi fl-ambitu ta' ftehim bilaterali li għandu x'jaqsam ma' l-*airworthiness* elenkat fid-Dokument 1 mehmuż mal-Ftehim li jikkonformaw ma' disinn approvat mill-FAA, basta jkun inħarġilhom u rċivew ċertifikat ta' *airworthiness* xieraq qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3.5.7 Il-Komunità Ewropea ma teħtieġx l-Approvazzjoni Ewropea għall-Komponenti (European Parts Approval, EPA) speċifika, għal komponenti importati mill-Istati Uniti ħlief meta l-EASA tkun qed taġixxi bħala l-Istat ta' Disinn.

4. AĊĊETTAZZJONI TA' KONKLUŻJONIJIET U APPROVAZZJONIJIET

4.1. Rekwiżiti ta' Kwalifikazzjoni għall-Aċċettazzjoni ta' Konklużjonijiet u Approvazzjonijiet

4.1.1 L-Aġenti Tekniċi u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jistabbilixxu sistema ta' ċertifikazzjoni u superviżjoni għad-diversi attivitajiet inklużi fl-ambitu ta' dan l-Anness. Din is-sistema għandha tiġi dokumentata u tirregola l-istruttura organizzattiva, il-kwalifikazzjonijiet ta' l-istaff u l-politiki u proċeduri interni li jintużaw biex jitwettqu dawn l-attivitajiet.

4.1.2 Kull Aġent Tekniku u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom juru biżżejjed għarfien tas-sistemi ta' xulxin f'termini ta' *airworthiness* u rekwiżiti ambjentali, politiki assoċjati u materjal ta' gwida, proċeduri u strutturi ta' organizzazzjoni.

4.1.3 Kull Aġent Tekniku u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jiżguraw li l-istaff ikollhom il-kwalifikazzjonijiet xierqa u biżżejjed għarfien, esperjenza u taħriġ biex iwettqu l-obbligi tagħhom skond dan il-Ftehim.

4.1.4 Dawn is-sistemi għandhom ikunu soġġetti għal verifiki ta' kwalità interni, u għal spezzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' żamma ta' standards. Il-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika għandhom jiddefinixxu l-parteċipazzjoni perjodika ta' l-Aġenti Tekniċi fil-verifiki ta' kwalità interni, u fl-ispezzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' żamma ta' standards ta' xulxin, inkluż l-ispezzjonijiet ta' Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni deskritti fil-paragrafu 4.2.3, sabiex tinżamm il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' xulxin. L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għandhom joqogħdu għal dawn l-ispezzjonijiet u jiżguraw li l-entitajiet regolati minnhom jagħtu aċċess liż-żewġ Aġenti Tekniċi.

4.2. <u>Kwalifikazzjonijiet ta' l-Aġenti Tekniċi u ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni</u>

4.2.1 Soġġett għal kwalunkwe kundizzjonijiet definiti fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika, l-Aġenti Tekniċi jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.3, wara li jkun seħħ proċess ta' bini ta' fiduċja. Għaċ-ċertifikazzjoni ta' *airworthiness*, il-proċess ta' bini ta' fiduċja tlesta, kif muri bl-inklużjoni ta' dan l-Anness għall-Ftehim. Għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali, il-proċess ta' bini ta' fiduċja huwa definit fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

4.2.2 L-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti imsemmija fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.3 għall-funzjonijiet ta' produzzjoni u ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* huma elenkati fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness, flimkien ma' l-ambitu ta' l-attività tagħhom.

4.2.3 Jekk, wara spezzjoni ta' żamma ta' standards mill-EASA, il-Komunità Ewropea tiddeċiedi li hemm Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni oħrajn li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.3, l-Aġenti Tekniċi għandhom isegwu l-proċess deskritt f'Taqsima 1 tal-proċeduri ta'

implimentazzjoni teknika. Wara li jintemm il-proċess, jekk iqisu li jkun xieraq, l-Aġenti Tekniċi jistgħu jipproponu lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni kwalunkwe emendi għall-Appendiċi 1, inkluż bidliet fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' Awtorità ta' l-Avjazzjoni.

4.2.4 Jekk Aġent Tekniku jemmen li l-kompetenza teknika ta' l-Aġent Tekniku l-ieħor jew ta' kwalunkwe Awtorità ta' l-Avjazzjoni ma għadhiex aktar suffiċjenti, l-Aġenti Tekniċi għandhom jikkonsultaw u jippproponu pjan ta' azzjoni, inkluż kwalunkwe attivitajiet għall-bini ta' fiduċja, sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati. Bl-istess mod, jekk xi wieħed mill-Aġenti Tekniċi jemmen li l-aċċettazzjoni ta' konklużjonijiet jew approvazzjonijiet magħmulin minn Awtorità ta' l-Avjazzjoni għandhom jiġu sospiżi, l-Aġenti Tekniċi għandhom jikkonsultaw ma' xulxin. Jekk il-fiduċja ma terġagħx tinkiseb b'mezzi li jkunu aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet, kwalunkwe wieħed mill-Aġenti Tekniċi jista' jressaq il-kwistjoni lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni. Jekk il-problema ma tiġix solvuta permezz ta' mezzi li jkunu aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet, kwalunkwe Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra skond l-Artikolu 18.A tal-Ftehim.

4.2.5 Bl-istess mod, l-Aġenti Tekniċi għandhom jikkonsultaw ma' xulxin meta xi wieħed minnhom jippproponi li jiġi kkunsidrat id-dħul mill-ġdid ta' xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni li qabel kienet tneħħiet mill-Appendiċi 1 b'deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni jew li l-konklużjonijiet jew l-approvazzjonijiet tagħha kienu ġew sospiżi.

5. KOMUNIKAZZJONIJIET

Il-komunikazzjonijiet bejn l-Aġenti Tekniċi u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, inkluż id-dokumentazzjoni, għandhom ikunu kollha bl-ingliż. L-Aġenti Tekniċi jistgħu jiftiehmu, każ b'każ, dwar eċċezzjonijiet għal dejta dwar ċertifikazzjoni ta' konformità.

6. KONSULTAZZJONIJIET TEKNIĊI

L-Aġenti Tekniċi jaqblu li jsolvu kwistjonijiet marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness permezz tal-konsultazzjoni. L-Aġenti Tekniċi għandhom jagħmlu kull sforz biex isolvu l-kwistjonijiet fil-livell tekniku l-aktar baxx billi jużaw il-proċess deskritt fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika qabel ma jressqu l-kwistjoni quddiem il-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni.

7. GĦAJNUNA TEKNIKA

7.1 Fuq talba u wara ftehim reċiproku, l-Aġent Tekniku ta' kull Parti jew, meta applikabbli, Awtorità ta' l-Avjazzjoni, għandu/ha jipprovdi/tipprovdi

għajnuna teknika lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra jew, meta applikabbli, Awtorità ta' l-Avjazzjoni, f'attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u superviżjoni ta' *airworthiness* kontinwa li għandhom x'jaqsmu ma' disinn, produzzjoni, *airworthiness* u ċertifikazzjoni ambjentali fit-territorju ta' xulxin. Il-proċess għall-għoti ta' din l-għajnuna huwa deskritt fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika.

7.2 L-Aġenti Tekniċi jew l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni jistgħu ma jaċċettawx din l-għajnuna teknika minħabba nuqqas ta' riżorsi disponibbli, jew għax il-prodott mhux fl-ambitu ta' dan il-Ftehim jew għax il-faċilità mhix regolata.

7.3 Meta tingħata l-għajnuna teknika, l-Aġent Tekniku jew, meta applikabbli, l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, li jkun/tkun qed jagħti/tagħti l-għajnuna għandu/ha japplika/tapplika is-sistema regolatorja u l-proċeduri rispettivi tal-Parti tagħhom, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor bejn l-Aġenti Tekniċi jew, meta applikabbli, l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni. L-għajnuna teknika, li tinkludi l-ispezzjoni tal-konformità, xhieda ta' testijiet u deċiżjonijiet dwar il-konformità tista' ssir minn organizzazzjonijiet approvati/delegati. F'każijiet fejn organizzazzjoni li tkun approvata mill-Komunità Ewropea ma jkollix dawn il-privileġġi fl-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni tagħha, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni jistgħu jipprovdu din l-għajnuna direttament inkella billi jestendu t-tali privileġġi lill-organizzazzjoni. F'każijiet fejn organizzazzjoni li tkun approvata mill-Komunità Ewropea ma jkollix dawn il-privileġġi fl-awtorizzazzjoni tad-disinn tagħha, l-EASA tista' tipprovdi din l-għajnuna direttament inkella billi testendi t-tali privileġġi lill-organizzazzjoni.

7.4 L-għajnuna teknika tista' wkoll tintalab fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru użati li oriġinarjament kienu esportati mill-Istati Uniti jew mill-Komunità Ewropea. L-Aġent Tekniku ta' kull Parti jew, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jgħinu lill-Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni tal-Parti l-oħra, skond ma jkun applikabbli, sabiex jikseb informazzjoni dwar il-konfigurazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru meta dawn ikunu ħarġu mingħand il-manifattur.

8. NOTIFIKAZZJONI TA' INVESTIGAZZJONI JEW TA' AZZJONI TA' INFURZAR

L-Aġenti Tekniċi ta' kull Parti u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jgħarrfu mill-ewwel lill-Aġent Tekniku u, meta applikabbli, lill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, tal-Parti l-oħra, dwar l-investigazzjoni jew azzjoni ta' infurzar min-naħa tagħhom stess li tista' tinkludi 1) xi prodott jew entità regolata għaċ-ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* jew ambjentali, jew 2) azzjoni ta' xi Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni li tidher li mhix konformi ma' dan l-Anness. L-Aġenti Tekniċi u, meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jikkooperaw fil-qsim ta' l-

informazzjoni meħtieġa għal kwalunkwe tali investigazzjoni jew azzjoni ta' infurzar, inkluż l-għeluq tagħha.

PRODOTTI TA' L-EASA, L-AWTORITÀ TA' L-AVJAZZJONI U L-ISTATI UNITI

DOKUMENTI TA' L-ESPORTAZZJONI ASSOĊJATI, U

ATTIVITAJIET TA' GĦAJNUNA TEKNIKA

AĊĊETTATI SKOND DAN IL-FTEHIM

Aġent Tekniku tal-Komunità Ewropea	**PRODOTTI, DOKUMENTI TA' L-ESPORTAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' GĦAJNUNA TEKNIKA**
EASA	
Prodotti u Dokumenti ta' l-Esportazzjoni Assoċjati Aċċettati għall-Importazzjoni fl-Istati Uniti	• Inġenji ta' l-ajru ġodda li huma konformi ma' disinn approvat mill-FAA, manifatturati skond POA ta' l-EASA u akkumpanjati mill-Formola 27 ta' l-EASA. • Magni u skrejjen ġodda li huma konformi ma' disinn approvat mill-FAA u li huma manifatturati skond Approvazzjoni ta' Organizzazzjoni tal-Produzzjoni (Production Organisation Approval, POA) (paragrafu 3.4.3) maħruġa mill-EASA akkumpanjati mill-Formola 1 ta' l-EASA, Ċertifikat tar-Rilaxx Awtorizzat. • Dawn il-komponenti ġodda manifatturati skond POA maħruġa mill-EASA li huma konformi ma' dejta tad-disinn approvat mill-FAA u huma eliġibbli għall-installazzjoni fi prodott jew tagħmir li jkun ingħata approvazzjoni tad-disinn mill-FAA (akkumpanjati minn Formola 1 ta' l-EASA): – Komponenti għat-tibdil, hu liema hu l-Istat ta' Disinn għall-prodott u/jew tagħmir; – Komponenti għall-modifiki għal tibdiliet fid-disinn meta l-EASA taġixxi bħala l-Istat ta' Disinn għat-tibdil fid-disinn għal applikant mill-UE. Meta dawn il-komponenti għall-modifiki ikunu assoċjati ma' STC ta' l-EASA, l-STC (Supplemental Type Certificate) għandu jkun fl-ambitu tal-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika; – Komponenti għall-modifiki għal kwalunkwe prodott meta l-Istati Uniti huma l-Istat ta' Disinn għat-tibdil fid-disinn u l-komponenti huma prodotti skond ftehim ta' liċenzjar lil entità li jkollha l-approvazzjoni tad-disinn ta' l-Istati Uniti (Stat tad-Disinn u Stat tal-Manifattura differenti).
Attivitajiet ta' Għajnuna Teknika Magħmulin f'Isem il-FAA	• Dejta tad-Disinn (dikjarazzjonijiet ta' konformità) u xhieda ta' testijiet. • Sorveljanza u superviżjoni tal-produzzjoni magħmulin bħala għajnuna teknika.

Aġent Tekniku tal-Komunità Ewropea	PRODOTTI, DOKUMENTI TA' L-ESPORTAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' GĦAJNUNA TEKNIKA
	• Spezzjoni ta' Konformità.

.

	PRODOTTI, DOKUMENTI TA' L-ESPORTAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' GĦAJNUNA TEKNIKA
L-Awstrija	
Prodotti u Dokumenti ta' l-Esportazzjoni Assoċjati Aċċettati għall-Importazzjoni fl-Unjoni Ewropea	• Inġenji ta' l-ajru ġodda li huma konformi ma' disinn approvat mill-EASA, manifatturati skond approvazzjoni ta' produzzjoni mill-Istati Uniti u akkumpanjati minn Formola 8130-4 tal-FAA, Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni. • Blalen ta' l-Arja bl-ekwipaġġ ġodda li huma konformi ma' disinn approvat mill-EASA, manifatturati skond approvazzjoni ta' produzzjoni mill-Istati Uniti u akkumpanjati minn Formola 8130-4 tal-FAA, Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni. • Diriġibbli ġodda li huma konformi ma' disinn approvat mill-EASA, manifatturati skond approvazzjoni ta' produzzjoni mill-Istati Uniti u akkumpanjati minn Formola 8130-4 tal-FAA, Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni. • Inġenji ta' l-ajru ġodda li huma konformi ma' disinn approvat mill-EASA, miżmuma kif titlob is-sistema awtorizzata tal-FAA (jiġifieri 14 CFR partijiet 43, 65, 121, 125, 135, 145 jew 129.14) jekk akkumpanjati minn Formola 8130-4 tal-FAA, Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni. • Magni ġodda, magni mibnija mill-ġdid u skrejjen li huma konformi ma' disinn approvat mill-EASA, manifatturati skond approvazzjoni ta' produzzjoni mill-Istati Uniti u akkumpanjati minn Formola 8130-4 tal-FAA, Ċertifikat ta' *Airworthiness* għall-Esportazzjoni. • Tagħmir ġdid li huwa konformi ma' disinn approvat mill-EASA, manifatturat skond approvazzjoni ta' produzzjoni mill-Istati Uniti u akkumpanjat minn Formola 8130-3 tal-FAA, Ċertifikat tar-Rilaxx Awtorizzat. • Dawn il-komponenti ġodda manifatturati skond approvazzjoni ta' produzzjoni mill-Istati Uniti li huma konformi ma' dejta tad-disinn approvat mill-EASA u huma eliġibbli għall-installazzjoni fi prodott jew tagħmir li jkun ingħata approvazzjoni tad-disinn mill-EASA (akkumpanjati minn Formola 8130-3 tal-FAA, Ċertifikat tar-Rilaxx Awtorizzat): – Komponenti għat-tibdil għall-prodott u/jew tagħmir, fosthom komponenti prodotti skond ftehim ta' liċenzjar lil entità li jkollha approvazzjoni tad-disinn mill-EASA. – Komponenti għall-modifiki għal tibdiliet fid-disinn meta l-FAA tkun l-Istat ta' Disinn għat-tibdil fid-disinn

Aġent Tekniku ta' l-Istati Uniti	PRODOTTI, DOKUMENTI TA' L-ESPORTAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' GĦAJNUNA TEKNIKA
	jew meta l-komponenti jkunu prodotti skond ftehim ta' liċenzjar lil entità li jkollha approvazzjoni tad-disinn mill-EASA. – Komponenti għat-tibdil u għall-modifiki li jkollhom PMA (Parts Manufacture Approval) kif definiti fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika jekk akkumpanjati mill-Formola 8130-3 tal-FAA flimkien ma' dikjarazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni xierqa.
Attivitajiet ta' Għajnuna Teknika Magħmulin f'Isem il-EASA	• Dejta tad-Disinn (dikjarazzjonijiet ta' konformità) u xhieda ta' testijiet. • Sorveljanza u superviżjoni tal-produzzjoni magħmulin bħala għajnuna teknika. • Spezzjoni ta' Konformità.

ANNESS 2:

MANUTENZJONI

1. GĦAN U AMBITU

Il-Partijiet eżaminaw l-istandards u s-sistemi ta' xulxin li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni ta' stazzjonijiet tat-tiswija/organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq prodotti ta' l-ajrunawtika ċivili. B'mod konsistenti ma' l-Artikolu 4.A. tal-Ftehim, dan l-Anness ikopri l-aċċettazzjoni reċiproka ta' konklużjonijiet dwar il-konformità, approvazzjonijiet, dokumentazzjoni u għajnuna teknika fir-rigward ta' approvazzjonijiet u monitoraġġ ta' stazzjonijiet tat-tiswija/organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kif dettaljat fl-appendiċi tiegħu. L-ebda parti ta' dan l-Anness ma għandha tiġi interpretata li tillimita l-awtorità ta' xi Parti biex taġixxi skond l-Artikolu 15 tal-Ftehim.

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1 "*Overhaul*" tfisser proċess li jiżgura li l-oġġett ajrunawtiku huwa kompletament konformi mat-tolleranzi ta' servizz applikabbli kif speċifikati fl-istruzzjonijiet għall-airworthiness kontinwa ta' l-entità li għandha ċ-ċertifikat tat-tip jew tal-manifattur tat-tagħmir, jew fid-dejta li hija approvata jew aċċettata mill-Awtorità. Ebda persuna ma tista' tiddeskrivi oġġett bħala "*overhauled*" jekk dan ma jkunx ġie żarmat, imnaddaf, spezzjonat, imsewwi kif ikun meħtieġ, immontat mill-ġdid u ttestjat skond id-dejta speċifikata hawn fuq.

2.2 "Alterazzjoni" jew "modifikazzjoni" tfisser bidla fil-kostruzzjoni, konfigurazzjoni, rendiment, karatteristiċi ambjentali jew limitazzjonijiet ta' funzjonament tal-prodott ta' l-ajrunawtika ċivili kkonċernat.

2.3 "Dejta approvata mill-FAA" tfisser dejta approvata mill-Amministratur tal-FAA jew mir-rappreżentant nominat mill-Amministratur, li tinkludi d-dejta tad-disinn tal-KE kif aċċettata reċiprokament skond l-Anness 1.

2.4 "Dejta approvata mill-EASA" tfisser dejta approvata mill-Aġent Tekniku tal-KE jew minn organizzazzjoni approvata minn dak l-Aġent Tekniku, li tinkludi d-dejta tad-disinn ta' l-Istati Uniti kif aċċettata reċiprokament skond l-Anness 1.

2.5 "Kundizzjonijiet Speċjali" tfisser dawk ir-rekwiżiti stabbiliti jew fit-Titolu 14 tal-Kodiċi tar-Regolamenti Federali ta' l-Istati Uniti, Partijiet 43 u 145 (minn hawn 'il quddiem "14 CFR Parti 43 jew Parti 145", skond ma jkun applikabbli) inkella fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 Anness II (minn hawn 'il quddiem "EASA Parti 145"), li, wara paragun bejn is-sistemi regolatorji ta' manutenzjoni, irriżulta li ma humiex komuni għaż-żewġ sistemi, u li huma sinifikanti biżżejjed li jeħtieġ li jkunu indirizzati.

3. KORP KONĠUNT TA' KOORDINAZZJONI

3.1 Kompożizzjoni

3.1.1 A. B'dan qed jiġi stabbilit Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Manutenzjoni (JMCB, Joint Maintenance Coordination Board), - li jrid jagħti kont ta' għemilu lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni – taħt it-tmexxija konġunta tad-Direttur ta' l-EASA responsabbli għall-Approvazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni, u d-Direttur ta' l-Istandards ta' l-Avjazzjoni tal-FAA. Huwa għandu jinkludi rappreżentanti minn kull Aġent Tekniku skond ma jkun xieraq, responsabbli għall-manutenzjoni, għall-ġestjoni tal-kwalità u għat-tfassil ta' regoli.

3.1.2 It-tmexxija konġunta tista' tistieden parteċipanti oħra sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-mandat tal-JMCB.

3.2 Mandat

3.2.1 Il-JMCB għandu jiltaqa' ta' lanqas darba fis-sena sabiex jiżgura l-funzjonament u implimentazzjoni effettivi ta' dan l-Anness. Il-funzjonijiet ta' dan il-Korp għandhom jinkludu:

(a) L-iżvilupp, l-approvazzjoni u l-eżaminazzjoni ta' gwida dettaljata li għandha tintuża għall-proċessi koperti minn dan l-Anness;

(b) Il-qsim ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet importanti ta' sikurezza u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzawhom;

(c) Li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Anness;

(d) Li jsolvi kwistjonijiet tekniċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' l-Aġenti Tekniċi u jeżamina kwistjonijiet tekniċi oħra li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti f'livell aktar baxx;

(e) L-iżvilupp, l-approvazzjoni u l-eżaminazzjoni tal-gwida dettaljata li għandha tintuża għat-tranżizzjoni, kooperazzjoni, għajnuna, tpartit ta' informazzjoni u parteċipazzjoni fil-verifiki ta' kwalità interni, żamma ta' standards u spezzjonijiet ta' kampjuni li għandhom x'jaqsmu mal-gestjoni tal-manutenzjoni u tal-kwalità u tas-sistemi ta' żamma ta' standards ta' xulxin;

(f) Iż-żamma tal-lista ta' Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni identifikati fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness skond id-deċiżjonijiet li jieħu l-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni;

(g) Li jipproponi emendi fir-rigward ta' dan l-Anness lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni.

3.2.2 Il-JMCB għandu jirrapporta l-kwistjonijiet mhux solvuti lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni u jiżgura l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet li jkun ħa il-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni fir-rigward ta' dan l-Anness.

4. IMPLIMENTAZZJONI

4.1 Soġġetti għat-termini ta' dan l-Anness, il-Partijiet jaqblu li l-Aġenti Tekniċi tagħhom għandhom jaċċettaw l-ispezzjonijiet u monitoraġġ ta' stazzjonijiet tat-tiswija/organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni li jsiru mill-aġent tekniku l-ieħor, jew, meta applikabbli, minn Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, sabiex tiġi aċċertata l-konformità mar-rekwiżiti rispettivi tagħhom u b'hekk ikun hemm bażi għall-ħruġ u kontinwità tal-validità taċ-ċertifikazzjoni.

4.2 Iċ-ċertifikat li jinħareġ mill-Aġent Tekniku skond dan l-Anness, ma għandux imur 'l hinn mill-fini ta' l-klassifikazzjonijiet (*ratings*) u limitazzjonijiet indikati fiċ-ċertifikat li jinħareġ mill-Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni l-ieħor/oħra.

4.3 Ċertifikati tal-FAA

4.3.1 Mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni ta' l-Amministratur tal-FAA skond it-Titolu 14 CFR Parti 145, organizzazzjoni tal-manutenzjoni jistgħu jinħarġulha ċertifikat tal-FAA u speċifikazzjonijiet dwar l-operat jekk tkun ġiet approvata għal xogħol ta' manutenzjoni minn xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni identifikata fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness b'konformità ma' l-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, jekk tkun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness, inkluż il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA stipulati fl-Appendiċi 1, u jekk xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni tkun ħarġet rakkomandazzjoni jew konferma għaċ-ċertifikazzjoni lill-FAA.

4.3.2 Iċ-ċertifikat tal-FAA għandu jkopri biss lil dawk l-istazzjonijiet fissi addizzjonali li jinsabu f'xi Stat Membru elenkat fl-Appendiċi 2. Kull stazzjon fiss addizzjonali għandu jkun taħt is-sorveljanza ta' xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni minn fost dawk identifikati fl-Appendiċi 2.

4.3.3 Iċ-Ċertifikat tal-FAA għandu jkopri biss lil dawk il-line stations li jinsabu f'xi Stat Membru ta' l-UE u taħt is-sorveljanza ta' xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni minn fost dawk indikati fl-Appendiċi 2.

4.4 Ċertifikati ta' l-EASA

4.4.1 Ċertifikat ta' l-EASA kif indikat fl-Appendiċi 4 jista' jinħareġ lil stazzjon tat-tiswija jekk dan ta' l-aħħar ikun ġie approvat mill-FAA għal xogħol ta' manutenzjoni b'konformità mat-Titolu 14 CFR Parti 145, jekk ikun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness, inkluż il-Kundizzjonijiet Speċjali ta' l-EASA stipulati fl-Appendiċi 1, u jekk il-FAA tkun ħarġet rakkomandazzjoni u

konferma lill-EASA għall-approvazzjoni, ħlief jekk id-Direttur Eżekuttiv ta' l-EASA jqis li t-tali azzjoni mhix meħtieġa għall-manutenzjoni jew tibdil ta' prodotti ta' l-ajrunawtika li jkunu reġistrati jew iddisinjati fi Stat Membru ta' l-UE jew komponenti mwaħħlin fuq dawn il-prodotti jew li r-riżorsi ta' l-EASA ma' jippermettux l-ittrattar ta' l-applikazzjoni.

4.4.2. Iċ-ċertifikat ta' l-EASA għandu jkopri biss lil dawk il-line stations li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Uniti.

4.5. L-Aġenti Tekniċi, u meta applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom:

(a) Jipprovdu rakkomandazzjonijiet jew konfermi għaċ-ċertifikazzjoni ta' stazzjoniet tat-tiswija lill-FAA u ta' organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni lill-EASA;

(b) Jissorveljaw u jressqu rapporti dwar il-konformità kontinwa mar-rekwiżiti deskritti f'dan l-Anness mill-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni fil-Komunità Ewropea u mill-stazzjonijiet tat-tiswija fl-Istati Uniti.

(c) Jaċċettaw jew japprovaw, kif ikun xieraq, it-tagħrif supplimentari għall-manwali jew reġistri ta' l-organizzazzjoni mressqa mill-applikant u li jkunu nstabu li huma konformi ma' l-Appendiċi 1;

(d) Ikunu konformi mal-proċeduri kif speċifikati fl-Appendiċi 3.

4.6. L-Aġent Tekniku ta' kull Parti, jew, meta applikabbli, l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, fuq talba, għandu/ha jipprovdi/tipprovdi lill-Aġent Tekniku, jew, meta applikabbli lill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, tal-Parti l-oħra, l-għajnuna teknika f'attivitajiet ta' manutenzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-Anness. L-Aġenti Tekniċi jew l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni jistgħu ma jaċċettawx din l-għajnuna teknika minħabba nuqqas ta' riżorsi disponibbli, jew għax l-attività ta' manutenzjoni mhix fl-ambitu ta' dan l-Anness jew għax il-faċilità mhix regolata. Dawn l-oqsma ta' għajnuna jistgħu jinkludu imma m'humiex limitati għal:

(a) Twettiq u rappurtar ta' investigazzjonijiet, fuq talba;

(b) Ksib u forniment ta' dejta għar-rappurtar, jekk mitluba.

4.7 L-Aġenti Tekniċi jistgħu jagħmlu spezzjonijiet indipendenti ta' stazzjonijiet tat-tiswija/organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni meta dan ikun ġustifikat minn tħassib speċifiku dwar sikurezza, b'konformità ma' l-Artikolu 15.B ta' dan il-Ftehim.

4.8 Il-Partijiet jaqblu li l-manutenzjoni u alterazzjonijiet jew modifiki fuq prodott ta' l-ajrunawtika ċivili jistgħu jsiru taħt il-kontroll regolatorju ta' waħda mill-Partijiet u li l-prodott jista' jerġa' jitqiegħed fis-servizz minn stazzjon tat-tiswija/organizzazzjoni tal-manutenzjoni taħt il-kontroll regolatorju tal-Parti l-

oħra, fejn dan ikun ġie approvat b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

4.9 Il-Partijiet jaqblu li l-manutenzjoni li ssir minħabba emerġenza jew 'il barra mir-rutina tista' ssir lil hinn mit-territorju speċifikat fl-Artikolu 12 tal-Ftehim sabiex l-inġenji ta' l-ajru jew il-komponent/i jinżamm/u fi stat tajjeb, basta jkun hemm approvazzjoni minn qabel. L-approvazzjoni għall-manutenzjoni minħabba emerġenza jew 'il barra mir-rutina għandha tingħata skond il-proċeduri definiti mill-JMCB.

4.10 Ir-reviżjonijiet minn kwalunkwe Parti, ta' l-organizzazzjoni ta' l-avjazzjoni ċivili, regolamenti, proċeduri jew standards tagħhom, inkluż dawk ta' l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, jistgħu jolqtu il-bażi li fuqha huwa applikat dan l-Anness. Għalhekk, il-Partijiet, permezz ta' l-Aġenti Tekniċi jew l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, skond ma jkun xieraq, għandhom javżaw lil xulxin mill-aktar fis possibbli dwar pjanijiet għat-tali tibdiliet u jiddiskutu dwar kemm dawn il-bidliet jistgħu jolqtu l-bażi ta' dan l-Anness. Jekk il-konsultazzjonijiet li jsiru skond l-Artikolu 15.C. ta' dan il-Ftehim iwasslu għal qbil li dan l-Anness jiġi emendat, il-Partijiet għandhom jippruvaw jiżguraw li t-tali emenda tiddaħħal fis-seħħ fl-istess ħin, jew kemm jista jkun kmieni wara, li tidħol fis-seħħ jew tiġi implimentata l-bidla li wasslet għal din l-emenda.

5. KOMUNIKAZZJONI U KOOPERAZZJONI

5.1 Il-Partijiet, permezz tal-JMCB, għandhom ipartu lista ta' punti ta' kuntatt għad-diversi aspetti ta' dan l-Anness. Din il-lista għandha tinżamm mill-Aġenti Tekniċi.

5.2 Il-komunikazzjonijiet kollha ta' bejn il-Partijiet, inkluż id-dokumentazzjoni teknika pprovduta għar-reviżjoni jew approvazzjoni kif dettaljat f'dan l-Anness, għandhom ikunu bl-Ingliz.

5.3 Meta jinqalgħu sitwazzjonijiet urġenti jew mhux tas-soltu, il-punti ta' kuntatt ta' l-Aġenti Tekniċi, u meta applikabbli, ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, għandhom jikkomunikaw u jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet xierqa immedjatament.

6. REKWIŻITI TA' KWALIFIKAZZJONI GĦALL-AĊĊETTAZZJONI TA' KONKLUŻJONIJIET DWAR IL-KONFORMITÀ

6.1. Rekwiżiti Bażiċi

6.1.1 L-Aġent Tekniku u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni ta' kull Parti, skond ma jkun applikabbli, għandhom jagħtu demostrazzjoni lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra tas-sistemi rispettivi tagħhom għas-superviżjoni regolatorja ta' stazzjonijiet tat-tiswija/organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni. Sabiex tkun tista' ssir is-superviżjoni ta' l-istazzjonijiet tat-tiswija/organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni f'isem il-Parti l-oħra, l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni ta' kull Parti, skond ma jkun applikabbli, għandhom jagħtu demostrazzjoni li dawn l-aspetti huma effettivi u xierqa:

(a) Struttura ġuridika u regolatorja;

(b) Struttura ta' l-organizzazzjoni;

(c) Riżorsi, li jinkludu biżżejjed staff ikkwalifikat;

(d) Programm ta' taħriġ;

(e) Politiki, proċessi u proċeduri interni;

(f) Dokumentazzjoni u reġistri;

(g) Ċertifikazzjoni attiva u programm ta' sorveljanza;

(h) Awtorità fuq l-entitajiet regolati.

6.2 Fiduċja inizjali

6.2.1 L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni identifikati fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness, fil-ħin tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness, b'riżultat tal-proċess ta' bini ta' fiduċja li sar għall-fini li jinbeda dan il-Ftehim.

6.2.2. Meta l-JMCB jiddeċiedi li xi Awtorità ta' l-Avjazzjoni tkun għaddiet b'suċċess minn prova ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, huwa għandu jressaq proposta lill-Bord Bilaterali ta' Superviżjoni għall-inklużjoni ta' l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni fl-Appendiċi 2.

6.3. Fiduċja kontinwa

6.3.1 L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għandhom ikomplu juru superviżjoni effettiva kif dettaljat fil-paragrafu 6.1.1. skond il-proċeduri tal-JMCB.

(a) B'mod partikolari, l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għandhom:

(i) Ikollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-verifiki ta' kwalità, żamma ta' standards u spezzjonijiet ta' kampjuni ta' xulxin u jistabbilixxu skeda annwali ta' spezzjonijiet ta' kampjuni li taħseb għal tibdil potenzjali li jkun meħtieġ biex tadatta għaċ-ċirkustanzi;

(ii) Joqogħdu għal spezzjonijiet kif dettaljati f'6.3.1 (a) (i);

(iii) Jiżguraw li l-entitajiet regolati jipprovdu aċċess liż-żewġ Aġenti Tekniċi għall-fini ta' verifiki u spezzjonijiet;

(iv) Jagħmlu disponibbli r-rapporti li joħorġu mill-verifiki tal-kwalità, żamma ta' standards u spezzjonijiet ta' kampjuni applikabbli għal dan l-Anness;

(v) Jagħmlu disponibbli l-istaff xieraq għall-parteċipazzjoni fl-ispezzjoni ta' kampjuni;

(vi) Jagħmlu disponibbli r-reġistri u r-rapporti ta' spezzjonijiet ta' l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni, inkluż l-azzjonijiet ta' infurzar meħuda;

(vii) Jipprovdu għajnuna għall-interpretezzjoni, fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, matul l-eżaminazzjoni tar-reġistri interni ta' l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u dokumentazzjoni li jkunu reġistrati fl-ilsien tal-pajjiż;

(viii) Jgħinu lil xulxin biex jaslu għal konklużjonijiet li joħorġu mill-ispezzjoni; u

(ix) Jiżguraw li l-ispezzjonijiet ta' kampjuni kollha ġew identifikati u bbażati fuq l-analiżi tar-riskju u kriterji oġġettivi, mingħajr preġudizzju għall-fakultà diskrezzjonali ta' l-Aġenti Tekniċi;

(b) Fil-każ li xi Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni ma jkunx/tkunx jista'/tista' jissodisfa/tissodisfa xi waħda mir-rekwiżiti f'dan il-paragrafu, l-Aġenti Tekniċi għandhom jgħarrfu lil xulxin mill-aktar fis possibbli. Jekk xi wieħed mill-Aġenti Tekniċi jemmen li l-kompetenza teknika ma għadhiex dik xierqa, l-Aġenti Tekniċi għandhom jikkonsultaw u jipproponu pjan ta'

azzjoni, inkluż dawk l-attivitajiet ta' rettifika meħtieġa, sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet;

(c) Fil-każ li xi Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni ma jirrettifikax/tirrettifikax in-nuqqasijiet fiż-żmien speċifikat fil-pjan ta' azzjoni, kwalunkwe Aġent Tekniku jista' jressaq il-kwistjoni lill-JMCB;

(d) Meta xi Parti jkollha l-intenzjoni li tissospendi l-aċċettazzjoni ta' konklużjonijiet jew approvazzjonijiet magħmulin minn xi Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni, din il-Parti għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra mill-ewwel, b'konformità ma' l-Artikolu 18 A tal-Ftehim.

7. NOTIFIKAZZJONI TA' INVESTIGAZZJONI JEW TA' AZZJONI TA' INFURZAR

7.1 B'mod konsistenti mad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 8 tal-Ftehim, kull Parti, permezz ta' l-Aġenti Tekniċi tagħha, u fejn applikabbli, l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni tagħha, għandha mill-ewwel tgħarraf lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe investigazzjoni u miżuri konsegwenti ta' għeluq minħabba nuqqas ta' konformità fl-ambitu ta' dan l-Anness minn stazzjon tat-tiswija/organizzazzjoni tal-manutenzjoni li hija taħt il-kontroll regolatorju tal-Parti l-oħra li jista' jwassal għal azzjoni ta' infurzar fil-forma ta' piena jew ir-revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' ċertifikat.

7.2 In-notifika għandha tintbagħat lill-punt ta' kuntatt xieraq tal-Parti l-oħra li huwa identifikat fil-lista msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan l-Anness.

7.3 Il-Partijiet iżommu d-dritt li jieħdu t-tali azzjoni ta' infurzar. Madankollu, f'xi każijiet, xi Parti tista' tagħżel li tirrevedi xi azzjoni ta' remedju li tkun ħadet il-Parti l-oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-infurzar skond dan l-Anness huwa soġġett għal reviżjoni konġunta regolari mill-JMCB.

7.4 Fil-każ ta' revoka jew sospensjoni ta' ċertifikat FAA 14 CFR Parti 145 lil xi stazzjon tat-tiswija jew ta' ċertifikat għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-manutenzjoni skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 Anness II, l-Aġent Tekniku, u fejn applikabbli, l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, għandhom jgħarrfu lill-Aġent Tekniku l-ieħor dwar din ir-revoka jew sospensjoni.

8. DISPOŻIZZJONIJIET TA' TRANŻIZZJONI

8.1 Għat-tranżizzjoni ta' approvazzjonijiet maħruġa skond il-ftehimiet bilaterali ta' bejn l-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea elenkati fid-Dokument 1 mehmuż mal-Ftehim u validu fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness, il-Partijiet jaqblu dwar dawn id-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni:

8.2 Minkejja l-Artikolu 16 C, l-approvazzjonijiet maħruġa lil xi stazzjon tat-tiswija/organizzazzjoni tal-manutenzjoni minn xi Aġent Tekniku jew Awtorità ta' l-Avjazzjoni konformi ma' Proċeduri ta' Implimentazzjoni ta' Manutenzjoni (minn hawn 'il quddiem "MIPs"- *Maintenance Implementation Procedures*) skond il-ftehimiet bilaterali elenkati fid-Dokument 1 mehmuż mal-Ftehim u validi fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness, għandhom jitqiesu validi mill-Partijiet ta' dan il-Ftehim - skond it-termini kif aċċettati fil-ftehimiet elenkati – għal perjodu ta' sentejn li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness, dejjem jekk l-istazzjon tat-tiswija/organizzazzjoni tal-manutenzjoni li jirċievi/tirċievi t-tali approvazzjonijiet jibqa'/tibqa' konformi mal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-MIPs, kif emendati, sakemm isseħħ it-tranżizzjoni tal-Kundizzjonijiet Speċjali ta' dan l-Anness.

9. DISPOŻIZZJONIJIET TA' TRASFERIMENT

Il-Partijiet jaqblu li t-tranżizzjoni ta' l-approvazzjonijiet ta' stazzjonijiet tat-tiswija li jinstabu fi Stati Membri ta' l-UE elenkati fl-Appendiċi 2, iżda li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness ikunu taħt is-superviżjoni diretta tal-FAA, għandha sseħħ skond dawn id-dispożizzjonijiet ta' Trasferiment.

(7) Awtorità ta' l-Avjazzjoni għandha tikkompleta t-taħriġ ta' l-istaff tagħha fir-rigward ta' proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-Ftehim, ma' dan l-Anness u mal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA qabel ma jseħħ it-trasferiment ta' l-istazzjonijiet tat-tiswija.

(8) Hekk kif għadd biżżejjed mill-istaff ikun temm it-taħriġ sabiex jipprovdi superviżjoni tal-faċilitajiet trasferiti skond dan l-Anness, il-FAA għandha titrasferixxi l-attivitajiet ta' spezzjoni, monitoraġġ u sorveljanza ta' l-istazzjonijiet tat-tiswija kwalifikati b'ċertifikat 14 CFR Parti 145 lill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni xierqa.

(9) **It-trasferimenti lill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għandhom iseħħu fi żmien sentejn** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness, bi qbil mal-proċeduri approvati mill-JMCB.

10. HLASIJIET

Għandhom japplikaw ħlasijiet skond l-Artikolu 14 tal-Ftehim u skond ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli.

Appendiċi 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI

1. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' L-EASA APPLIKABBLI GĦAL STAZZJONIJIET TAT-TISWIJA BBAŻATI FL-ISTATI UNITI

1.1. Sabiex jiġi approvat b'konformità mal-Parti 145 ta' l-EASA, skond it-termini ta' dan l-Anness, l-istazzjon tat-tiswija għandu jissodisfa l-Kundizzjonijiet Speċjali kollha ta' hawn taħt.

1.1.1. L-istazzjon tat-tiswija għandu jissottometti applikazzjoni b'mod u manjiera li jkunu aċċettabbli għall-EASA.

(a) L-applikazzjoni, kemm għall-approvazzjoni inizjali ta' l-EASA kif ukoll għall-kontinwazzjoni tagħha, għandha tinkludi dikjarazzjoni li turi li ċ-ċertifikat u/jew il-klassifikazzjoni ta' l-EASA hu/ma meħtieġ/a għall-manutenzjoni jew tibdil tal-prodotti ta' l-ajrunawtika reġistrati jew iddisinjati fi Stat Membru ta' l-UE jew komponenti mwaħħlin fuqhom.

(b) L-istazzjon tat-tiswija għandu jipprovdi suppliment għall-Manwali ta' l-Istazzjon tat-Tiswija (RSM—*Repair Station Manual*) li jeħtieġ il-verifika u l-aċċettazzjoni tal-FAA f'isem l-EASA. Ir-reviżjonijiet tas-suppliment kollha jeħtieġu l-aċċettazzjoni tal-FAA. Is-suppliment għandu jinkludi dan li ġej:

(i) Is-suppliment għandu jinkludi dikjarazzjoni mill-maniġer responsabbli ta' l-istazzjon tat-tiswija, kif definit fil-verżjoni attwali tal-Parti 145 ta' l-EASA li torbot lill-istazzjon tat-tiswija li jkun konformi ma' dan l-Anness u mal-kundizzjonijiet speċjali tiegħu.

(ii) Proċeduri dettaljati għat-tħaddim ta' sistema indipendenti ta' monitoraġġ tal-kwalità, inkluż is-superviżjoni tal-faċilitajiet kollha u tal-line stations li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Uniti.

(iii) Proċeduri għar-rilaxx jew għall-approvazzjoni għad-dħul mill-ġdid fis-servizz li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti 145 ta' l-EASA għall-inġenji ta' l-ajru u l-użu tal-Formola 8130-3 tal-FAA għall-komponenti ta' l-inġenji ta' l-ajru, u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa mis-sid jew operatur, skond ma jkun xieraq.

(iv) Proċeduri sabiex ikun żgurat li ċ-ċertifikat ta' *airworthiness* u ċ-Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-*Airworthiness* – għal faċilitajiet ikklassifikati għall-qafas ta' l-ajruplan/inġenji ta' l-ajru - ikunu validi qabel ma jinħareġ dokument li huma tajbin għas-servizz.

(v) Proċeduri sabiex ikun żgurat li t-tiswijiet u l-modifiki definiti mir-rekwiżiti ta' l-EASA isiru skond id-dejta approvata mill-EASA.

(vi) Proċedura sabiex l-istazzjon tat-tiswija jiżgura li l-programm ta' taħriġ inizjali u rikorrenti u kwalunkwe reviżjoni tiegħu jinkludu t-taħriġ f'fatturi umani.

(vii) Proċeduri għar-rappurtar tan-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' *airworthiness* kif meħtieġ mill-Parti 145 ta' l-EASA dwar prodotti ta' l-ajrunawtika ċivili lill-EASA, organizzazzjonijiet ta' disinn ta' l-inġenji ta' l-ajru u lill-klijenti jew operaturi.

(viii) Proċeduri sabiex ikunu żgurati l-konformità u l-kompletezza ta' l-awtorizzazzjoni jew kuntratt tal-klijent jew operatur, flimkien mad-direttivi ta' *airworthiness* komunikati mill-EASA u struzzjonijiet obbligatorji oħra.

(ix) Proċeduri stabbiliti sabiex jiżguraw li l-kuntratturi jissodisfaw it-termini ta' dawn il-proċeduri ta' implimentazzjoni; jiġifieri, l-użu ta' organizzazzjoni li jkollha l-approvazzjoni ta' konformità mal-Parti 145 ta' l-EASA jew, jekk tintuża organizzazzjoni li ma għandhiex din l-approvazzjoni, l-istazzjon tat-tiswija li jkun qed irodd lura l-prodott għas-servizz ikun responsabbli li jiżgura l-*airworthiness* tiegħu.

(x) Proċeduri li jippermettu li jsir xogħol 'il barra mis-sit fiss fuq bażi rikorrenti, meta applikabbli.

(xi) Proċeduri biex ikun żgurat li jkun hemm ħangars imsaqqfa kif xieraq għall-manutenzjoni bażika ta' l-inġenji ta' l-ajru.

1.2. Sabiex jibqa' jirċievi l-approvazzjoni ta' konformità mal-Parti 145 ta' l-EASA, skond it-termini ta' dan l-Anness, l-istazzjon tat-tiswija għandu jkun konformi ma' dan li ġej. Il-FAA għandha tivverifika li l-istazzjon tat-tiswija:

(a) Jippermetti lill-EASA, jew lill-FAA f'isem l-EASA, tispezzjonaħ għall-konformità kontinwa mar-rekwiżiti tat-Titolu 14 CFR Parti 145 u ma' dawn il-Kundizzjonijiet Speċjali (jiġifieri, Parti 145 ta' l-EASA).

(b) Jaċċetta li l-EASA tista' tinvestiga u tieħu azzjoni ta' infurzar skond ir-regolamenti rilevanti tal-KE u l-proċeduri ta' l-EASA.

(c) Jikkoopera ma' kwalunkwe investigazzjoni jew azzjoni ta' infurzar li jsiru mill-EASA.

(d) Jibqa' konformi mat-Titolu 14 CFR Parti 43 u Parti 145, u ma' dawn il-Kundizzjonijiet Speċjali.

2. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TAL-FAA APPLIKABBLI GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MANUTENZJONI APPROVATI (AMOs) IBBAŻATI FL-UE

2.1 Sabiex tirċievi l-approvazzjoni ta' konformità mat-Titolu CFR Parti 145, skond it-termini ta' dan l-Anness, l-AMO għandha tissodisfa dawn il-Kundizzjonijiet Speċjali.

2.1.1 L-AMO għandha tissottometti applikazzjoni b'mod u manjiera li jkunu aċċettabbli għall-FAA.

(a) L-applikazzjoni, kemm għaċ-ċertifikazzjoni inizjali tal-FAA kif ukoll għat-tiġdid tagħha, għandha tinkludi:

(i) Dikjarazzjoni li turi li ċ-ċertifikat u/jew klassifikazzoni tal-FAA lill-istazzjon tat-tiswija hu/ma meħtieġa għall-manutenzjoni jew modifiki ta' prodotti ta' l-ajrunawtika reġistrati fl-Istati Uniti jew ta' prodotti ta' l-ajrunawtika reġistrati f'pajjiżi oħra, li jintużaw skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu 14 CFR.

(ii) Lista ta' funzjonijiet ta' manutenzjoni, approvati mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, li għandhom jiġu kuntrattati/sottokuntrattati biex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq prodotti ta' l-ajrunawtika ċivili ta' l-Istati Uniti.

(iii) Fil-każ tat-trasport ta' oġġetti perikoluż, konferma bil-miktub li turi li l-impjegati involuti kollha tħarrġu fit-trasport ta' oġġetti perikoluż kif jitolbu l-istandards ICAO.

(b) L-AMO għandha tipprovdi suppliment ta' l-MOE tagħha bl-Ingliż, li jkun approvat mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni u miżmum fl-AMO. Hekk kif jiġi approvat mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, is-suppliment għandu jkun meqjus bħala aċċettat mill-FAA ukoll. Ir-reviżjonijiet tas-suppliment kollha jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni. Is-suppliment tal-FAA għall-MOE għandu jinkludi dan li ġej:

(i) Dikjarazzjoni ddatata u ffirmata mill-maniġer li tobbliga lill-organizzazzjoni tikkonforma ruħha ma' dan l-Anness.

(ii) Sommarju tas-sistema tagħha tal-kwalità li jkopri wkoll il-kundizzjonijiet speċjali tal-FAA.

(iii) Il-proċeduri għall-approvazzjoni għar-rilaxx jew għad-dħul mill-ġdid fis-servizz li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Titolu 14 CFR Parti 43 għall-inġenji ta' l-ajru u l-użu tal-Formola 1 ta' l-EASA għall-komponenti. Dan jinkludi l-informazzjoni meħtieġa mit-

Titolu 14 CFR Sezzjonijiet 43.9 u 43.11 u l-informazzjoni kollha li s-sid jew l-operatur, skond il-każ, għandu jiġbor u jżomm, bl-Ingliż.

(iv) Il-proċeduri biex il-FAA tiġi mgħarrfa bi ħsarat, funzjonament ħażin jew difetti u Komponenti Suspettati li mhux Approvati (SUP – *Suspected Unapproved Parts*) misjubin, jew maħsubin li ser jitwaħħlu, fuq prodotti ta' l-ajrunawtika mill-Istati Uniti.

(v) Il-proċeduri biex il-FAA tiġi mgħarrfa bi kwalunkwe tibdiliet lil line stations li:

(1) jinsabu fi Stat Membru ta' l-UE; u

(2) jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq inġenji ta' l-ajru reġistrati fl-Istati Uniti; u

(3) jolqtu l-Ispeċifikazzjonijiet dwar l-Operat tal-FAA.

(vi) Il-proċeduri biex jiġu kwalifikati u monitorjati siti fissi f'xi Stat Membru ta' l-UE elenkat fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

(vii) Il-proċeduri stabbiliti biex jivverifikaw li l-attivitajiet kuntrattati/sottokuntrattati kollha jinkludu dispożizzjonijiet biex sors li mhux ċertifikat mill-FAA jibgħat lura l-oġġett lill-AMO għal spezzjoni/test finali u jerġa' jiddaħħal għas-servizz.

(viii) Il-proċeduri biex kull tliet xhur, jiġu sottomessi rapporti dwar l-użu lill-FAA li jindikaw l-għaxar kuntratturi/sottokuntratturi prinċipali (fornituri esterni ta' manutenzjoni)

(ix) Proċeduri sabiex ikun żgurat li tiswijiet u alterazzjonijiet/modifiki kbar (kif definiti fit-Titolu 14 CFR) isiru skond id-dejta approvata mill-FAA.

(x) Il-proċeduri biex tkun żgurata l-konformità tal-kumpanija ta' l-ajru mal-Programm ta' Manutenzjoni ta' *Airworthiness* Kontinwa (CAMP – Continuous Airworthiness Maintenance Program), inkluż is-separazzjoni tal-manutenzjoni mill-ispezzjoni għal dawk l-oġġetti identifikati mill-kumpanija ta' l-ajru jew mill-klijent bħala Oġġetti li Għandhom jiġu Spezzjonati (RII – *Required Inspection Items*).

(xi) Il-proċeduri biex tkun żgurata l-konformità mal-manwali ta' manutenzjoni tal-manifattur jew l-istruzzjonijiet għall-*airworthiness* kontinwa (ICA – *Instructions for Continued Airworthiness*) u l-ġestjoni ta' devjazzjonijiet minnhom. Il-proċeduri biex ikun żgurat li d-direttivi għall-*airworthiness* (AD – *Airworthiness Directives*)

attwali u applikabbli, ppubblikati mill-FAA, ikunu disponibbli għall-istaff tal-manutenzjoni fil-ħin li jkun qed isir ix-xogħol.

(xii) Il-proċeduri biex ikun ikkonfermat li l-kontrolluri u impjegati ta' l-AMO responsabbli għall-ispezzjoni finali u d-dħul lura ta' prodotti ajrunawtiċi ta' l-Istati Uniti fis-servizz, jafu jaqraw, jiktbu u jifhmu bl-Ingliż.

(xiii) Proċeduri li jippermettu li jsir xogħol 'il barra minn sit fiss fuq bażi rikorrenti, meta applikabbli.

2.2 Sabiex tibqa' tirċievi l-approvazzjoni ta' konformità mat-Titolu 14 CFR Parti 43 u Parti 145, skond it-termini ta' dan l-Anness, l-AMO għandha tkun konformi ma' dan li ġej. L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni għandha tivverifika li l-AMO:

(a) Tippermetti lill-FAA, jew lill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni f'isem il-FAA, tispezzjonaha għall-konformità kontinwa mar-rekwiżiti tal-Parti 145 ta' l-EASA u ma' dawn il-Kundizzjonijiet Speċjali (jiġifieri, Titolu 14 CFR Parti 43 u Parti 145);

(b) Taċċetta li l-FAA tista' tagħmel investigazzjonijiet jew tieħu azzjonijiet ta' infurzar skond ir-regoli u direttivi tal-FAA stess;

(c) Tikkoopera ma' kwalunkwe investigazzjoni jew azzjoni ta' infurzar;

(d) Tkompli tikkonforma mall-Parti 145 ta' l-EASA u ma' dawn il-Kundizzjonijiet Speċjali;

(e) Meta tibqa' tinżamm il-konformità regolatorja, il-FAA tkun tista' ġġedded iċ-ċertifikat inizjali lill-AMO fi tmiem it-tnax-il xahar u kull 24 xahar wara.

Appendiċi 2

Aġenti Tekniċi li huma meqjusin bħala kwalifikati għall-fini ta' dan l-Anness:

Il-*Federal Aviation Administration*

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni

L-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni ta' dawn l-Istati Membri ta' l-UE huma meqjusin bħala kwalifikati għall-fini ta' dan l-Anness:

Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

Ir-Renju tal-Belġju

Ir-Repubblika Ċeka

Ir-Renju tad-Danimarka

Ir-Repubblika tal-Finlandja

Ir-Repubblika Franċiża

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

L-Irlanda

Ir-Repubblika Taljana

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Ir-Repubblika ta' Malta

Ir-Renju ta' l-Olanda

Ir-Repubblika tal-Polonja

Il-Repubblika Portugiża

Ir-Renju ta' Spanja

Ir-Renju ta' l-Iżvezja

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Appendiċi 3

PROĊEDURI TA' L-AWTORITAJIET TA' L-AVJAZZJONI

L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni, f'isem il-FAA, għandha twettaq dawn l-azzjonijiet, b'konformità mal-gwida u proċeduri miftehmin mal-JMCB:

1) Għall-Applikazzjoni inizjali għal Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni:

   a) Teżamina d-dokumentazzjoni ta' l-applikant għall-ksib taċ-ċertifikat tal-FAA;

   b) Tipprovdi lill-applikant bil-proċeduri xierqa kollha;

   c) Teżamina u tipprovdi l-informazzjoni kollha ta' qabel l-applikazzjoni lill-FAA;

   d) Teżamina u tapprova s-suppliment, li l-applikant jissottometti lil-FAA, tal-Espożizzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni (MOE – *Maintenance Organisation Exposition*) ta' l-AMO;

   e) Tagħmel verifika/spezzjoni ta' l-AMO dwar il-konformità mal-materjal ta' gwida applikabbli;

   f) Tapprova u tipprovdi lill-FAA pakkett sħiħ ta' kull applikazzjoni li jkun jinkludi kopja ta' rapport ta' sorveljanza u rakkomandazzjoni ffirmata għaċ-ċertifikazzjoni tal-FAA.

   g) Iżżomm kopja attwali tas-Suppliment tal-FAA.

2) Għat-tiġdid taċ-ċertifikat tal-FAA għal Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni:

   It-tiġdid għandu jseħħ tnax-il xahar wara ċ-ċertifikazzjoni inizjali u kull 24 xahar wara.

   a) Teżamina d-dokumentazzjoni ta' l-applikant għall-ksib taċ-ċertifikat tal-FAA;

   b) Tivverifika li l-ispezzjoni(jiet) meħtieġa tal-faċilitjiet ikunu saru kollha;

   c) Teżamina u tapprova kwalunkwe emenda għas-suppliment tal-FAA għall-MOE ta' l-AMO;

   d) Tgħarraf lill-FAA bi kwalunkwe konklużjonijiet rilevanti għall-ispezzjoni kompleta tal-faċilitajiet;

   e) Tapprova u tipprovdi lill-FAA pakkett sħiħ ta' kull applikazzjoni li jkun jinkludi kopja ta' rapport ta' sorveljanza u rakkomandazzjoni ffirmata għat-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni tal-FAA.

3) Għal tibdil u emendi taċ-ċertifikat tal-FAA:

a) Tiżgura li kull tibdil jew emendi, ta' l-anqas, ikunu jinkludu sottomissjoni ta' applikazzjoni;

b) Għal żieda ta' line stations jew siti fissi, tipprovdi lill-FAA b'rapport u rakkomandazzjoni.

FORMOLA 3 EASA - ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI LILL-ISTATI UNITI

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI

REFERENZA EASA.145.XXXX

B'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-ftehim bilaterali attwalment fis-seħħ bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (EASA) b'dan tiċċertifika:

L-ISEM TAL-KUMPANIJA

INDIRIZZ

INDIRIZZ

INDIRIZZ

bħala organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata skond il-Parti 145, biex tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq il-prodotti elenkati fiċ-Ċertifikat ta' Aġenzija ta' l-Ajru (*Air Agency Certificate*) tal-FAA u l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Operazzjonijiet assoċjati u toħroġ iċ-ċertifikati relatati għat-tqegħid fis-servizz permezz tar-referenza msemmija, b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. L-ambitu ta' l-approvazzjoni huwa limitat għal dak speċifikat fit-Titlolu 14 CFR Parti 145 taċ-Ċertifikat ta' Aġenzija ta' l-Ajru ta' l-istazzjon tat-tiswija, u l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Operazzjonijiet assoċjati għal xogħol li jsir fl-Istati Uniti (ħlief meta, f'xi każ partikulari, l-EASA tiftiehem mod ieħor).

2. L-ambitu ta' l-approvazzjoni ma għandux imur 'il hinn mill-klassifikazzjonijiet permessi fil-Parti 145 ta' l-EASA kif dettaljat fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

3. Din l-approvazzjoni teħtieġ il-konformità kontinwa mat-Titolu 14 CFR Parti 145 u d-differenzi speċifikati fil-Proċeduri ta' Implimentazzjoni ta' Manutenzjoni, inkluż l-użu tal-Formola 8130-3 tal-FAA għar-rilaxx/dħul lura fis-servizz ta' komponenti li jvarjaw sa impjanti ta' l-enerġija.

4. Iċ-ċertifikati għad-dħul lura fis-servizz għandhom jindikaw in-numru ta' referenza ta' l-approvazzjoni tal-Parti 145 ta' l-EASA li jidher hawn fuq, u n-numru taċ-Ċertifikat ta' Aġenzija ta' l-Ajru tat-Titolu 14 CFR Parti 145.

5. Soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida sa:

   [perjodu ta' validità ta' sentejn]

   sakemm ma l-applikazzjoni ma tiġix ċeduta, sostitwita, sospiża jew revokata.

Data tal-ħruġ

Iffirmata

Għall-EASA